# BULLETTIN
# TAL-ARCIDJOCESI
# U
# LITURGIJA TAL-KELMA

Nru. 55. Ottubru, 1987.

WERREJ

| | pagna |
|---|---|
| Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja ... ... .. | 553 |
| Messaġġ tal-Papa għall-Jum l-Emigrant ... ... ... ... | 587 |
| Ittra Appostolika fit-tieni mitt sena mill-mewt ta' S. Alfons de Liguori ... ... ... .. ... ... | 593 |
| The Vocation and Mission of the Laity ... ... ... ... | 601 |
| Il-Jum Dinji tat-Turiżmu ... ... ... ... ... ... | 647 |
| Pastorali u Messaġġi ta' l-Isqfijiet ... ... ... ... ... | 652 |
| Dokumenti tal-Kurja ... ... ... ... ... ... ... | 657 |
| Eżempji ta' Omeliji ... ... ... ... ... | 661 |

KNISJA KATIDRALI GĦAWDEX

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI

U

LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 55. Ottubru, 1987.

## MESSAĠĠ TAL-PAPA GĦALL-ĠURNATA MISSJUNARJA 1987

Ħuti egħżież,

1. *Is-Sinodu u l-missjoni tal-lajċi*

"Intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' Dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb." (I Piet 2,9).

Ta' dan il-poplu magħżul, li dwaru jitkellem il-prinċep ta' l-Appostli, huma bir-raġun kollu membri l-lajċi li dwarhom se titkellem l-Assemblea Ġenerail tas-Sinodu ta' l-isqfijiet f'Ottubru li ġej, proprju fix-xahar li fih il-Knisja tkun impenjata fit-talb, fil-ħsieb u fl-għajnuna għall-missjonijiet tagħha fid-dinja.

Minħabba dan il-fatt nixtieq li l-qofol tal-messaġġ tiegħi ta' din is-sena jkun għal dak il-qasam kbir u magħżul tal-Poplu ta' Alla li hu l-qasam tal-lajċi nsara — irġiel u nisa ta' kull żmien u ta' kull kondizzjoni; dan irrid nagħmlu biex inqajjem fihom il-fehma li huma parti minn poplu li minnu nnifsu għandu sejħa missjunarja. Dan għaliex il-Knisja "qiegħda hemm biex ixxandar l-Evanġelju, jiġifieri tħabbar u tgħallem, twassal id-doni tal-grazzja, tħabbeb ma' Alla l-midinbin......" kif għidt fl-1982 jiena u niftakar fil-Papa Pawlu VI u nteni l-istess kliem tiegħu. (Esortazzjoni *Evangelii nuntiandi,* 14). L-evanġelizzazzjoni u l-missjoni għalhekk m'humiex xi ħaġa żejda u xi ħaġa sekondarja li wieħed jagħmel jekk ikollu l-aptit: il-Knisja twieldet bħala Knisja missjunarja u x-xandir tal-Evanġelju hu l-liġi tal-ħajja tagħha (ara *Ad gentes* 2-5).

2. *Is-sejħa tal-magħmudija hi sejħa missjunarja*

Jekk inqisu sewwa dan, minnufih toħroġ il-mistoqsija: Min hu fid-dmir li bil-fatti jagħmel din il-missjoni? Il-Konċilju Vatikan II jagħti din it-tweġiba: "L-insara kollha, bħala membri ta' Kristu ħaj...... għandhom dmir li jgħinu fit-tixrid u l-kobor tal-ġisem tiegħu, b'mod li kemm jista' jkun malajr iwassluh għall-kobor sħiħ tiegħu. Għalhekk ulied il-Knisja kollha kemm huma għandhom iħossu li huma responsabbli ta' dan quddiem id-dinja" *(Ad gentes,* 36). Ix-xandir tal-Evanġelju m'huwiex biss dmir il-ġerarkija, imma d-dixxiplu ta' Kristu hu fid-dmir li xandar il-fidi, skond kif hu mistenni minnu" *(Lumen gentium,* 17). L-għerq ta' dan id-dmir insibuh fis-sagramenti tal-fidi. Għalhekk l-insara lajċi kollha, proprju

minħabba l-magħmudija tagħhom, huma msejħin mill-Mulej biex bil-fatti jagħmlu ħidma ta' apostolat: "Is-sejħa nisranija hi minnha nfisha sejħa għal-appostoat" *(Apostolicam actuositatem,* 3). Hu sejħa li għandha l-pedament tagħha fl-istess grazzja tal-magħmudija: bil-magħmudija l-insara jingħaqdu mal-Ġisem ta' Kristu u jkollhom sehem mill-uffiċċju ta' Kristu bħala Qassis, Profeta u Sultan. Il-Griżma ssaħħaħhom bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, waqt li l-Ewkaristija tagħtihom u tqawwi fihom dik l-imħabba għal Alla u għall-bnedmin li hi r-ruħ ta' kull appostolat (Ara *Lumen genitum* 33; *Apostolicam actuositatem* 3).

Minn dawn tiġi l-istedina li qiegħed nagħmel lil-lajċi kollha biex isibu mill-ġdid id-dinjità tagħhom ta' dixxipli tal-Mulej, li kellhom sa mill-bidu, u jifhmu dejjem aktar fil-fond ir-responsabbiltà appostolika tagħhom ħa jagħtu bil-qalb kollha is-sehem tagħhom għall-ħidma tax-xandir tal-Evanġelju.

3. *Ġisem magħqud u ordnat*

Iżda jekk kulħadd fil-Knisja hu responsabbli għall-ħidma missjunarja, jekk kulħadd fl-istess waqt irid "jevanġelizza" u "jiġi evanġelizzat", dan ma jfissirx għal kulħadd bl-istess mod u għall-istess raġunijiet: iseħħ skond il-qagħda u skond il-ħidma li wieħed ikollu fi ħdan il-Knisja, u skond il-ministeru u l-kariżmi li jkollu. Id-doni ta' Alla huma ta' ħafna suriet, huma dejjem kotrana, qatt ma huma għal xi ħadd jew għal xi ftit biss, imma biex kulħadd ikun ta' għajnuna għal xulxin, u kollha bil-għan biex ikun hemm xirka waħda u missjoni waħda. U aħna msejħin biex nagħarfu dawn id-doni u naraw is-siwi tagħhom bid-dawl tal-għerf tal-Evanġelju u skond il-ħtiġijiet ta' żmienna u skond dak li jista' jinqala'. Issa li qiegħed joqrob is-Sinodu tal-isqfijiet, bil-qalb kollha nħeġġeġ lil-lajċi, u l-aktar liż-żgħażagħ, biex jagħarfu li dawn id-doni ta' Alla tassew jeżistu u biex jagħtu ruħhom b'sens ta' responsabbiltà personali, għall-ħidma tax-xandir tal-Evanġelju bil-kelma tagħhom u bix-xhieda ta' ħajjithom u billi jiżirgħu ma' dwarhom dak il-għerf u dik it-tama li d-dinja tant tixtieq, kemm-il-darba mingħajr ma tintebaħ.

Il-vokazzjonijiet tal-lajċi, imsejħin biex jagħtu s-sehem tagħhom fil-komunità ekklesjali, huma llum ukoll fi ħdan il-Poplu ta' Alla espressjoni qawwija li tfisser ħafna tal-konsagrazzjoni missjunarja. Illum, aktar minn dari, jeħtieġu nies li jikkonsagraw ruħhom, kollhom kemm huma, għall-ħidma missjunarja: "Għandhom vokazzjoni *speċjali* dawk li, għax għandhom natural adatt u għandhom dehen u kwalitajiet xierqa, iħossu ruħhom lesti biex jidħlu għall-ħidma missjunarja, kemm f'pajjiżhom u kemm barra minn pajjiżhom, kemm jekk huma saċerdoti, u kemm jekk reliġjużi jew *lajċi. (Ad gentes,* ara 6). Iva, il-Knisja llum teħtieġ lajċi tal-affari tagħhom biex ikunu dixxipli u xhieda ta' Kristu, bennejja ta' komunitajiet insara, biex ibiddlu d-dinja skond il-valuri tal-Evanġelju.

Lil-lajċi kollha li ġa qegħdin

jagħmlu ħidma missjunarja fi ħdan il-Knisja, irrid inroddilhom ħajr u nħeġġiġhom, waqt li nwettaqhom fil-ħidma li qegħdin jagħmlu.

4. *Il-katekisti*

Irrid għalhekk l-ewwelnett niftakar f'dik il-kotra ta' katekisti — irġiel u nisa — kotra li jistħoqqilha l-ġieħ tal-Knisja kollha, għas-sehem li qiegħda tagħti — u ħadd ieħor ma jista' jagħtih — għax-xandir tal-fidi: illum dawn il-katekisti huma msejħin għall-ħidma ta' importanza kbira fuq li kbira (Ara *Ad gentes*, 17; *Catechesi tradendae* 66). Ma jistax ikun li ma tgħidx li kieku ma kinux dawn il-katekisti, tant knejjes fl-artijiet tal-missjoni li llum qegħdin jagħtu tant frott...... ma kinux jitwaqqfu. Kienu u għadhom dawn il-katekisti xhieda tal-fidi, xi kull tant ukoll l-ewwel xhieda tal-fidi għaliex kienu huma l-ewwel li wasslu lil nieshom l-Aħbar it-Tajba ta' Kristu u hekk taw sehem attiv biex f'pajjiżhom titwaqqaf, tinxtered u tikber il-ħajja nisranija. Il-ħidma tal-katekisti hi parti lill-istruttura tal-evanġelizzazzjoni u l-Knisja ma tista' qatt tgħaddi mingħajrhom. Għal darb'oħra nixtieq nuri x-xewqa tiegħi li din l-opra hekk meħtieġa tikber dejjem aktar fil-għadd u fil-kwalità u nawguralha li ssib dejjem l-għajnuna u l-imħabba kollha li teħtieġ. Dawn il-katekisti, bir-raġun kollu, għandhom dritt għall-ħlas xieraq, u jekk il-komunitajiet tagħhom ma jistgħux jagħtuhom dan minħabba l-faqar tagħhom, għandhom jaħsbu fihom, b'sens ta' solidarjetà, il-bqija tal-insara.

5. *Il-lajċi volontari*

Niftakar ukoll f'sura oħra talimpenn missjunarju tal-lajċi, sura li l-Knisja llum qiegħda tafda ħafna fuqha: il-volontarjat lajk. Hi sura ta' siwi kbir li qiegħda tagħti kontribut liema bħalu lill-ħidma missjunarja tal-Knisja, għax qiegħda tħaffef ix-xandir tal-Evanġelju: il-volontarjat lajk hu servizz mogħti minn lajċi nsara li jintrabtu li joffru xi snin minn ħajjithom biex igħinu direttament fil-kobor tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

Dawn il-lajċi nsara, flimkien mal-ħidma li qegħdin jagħmlu ma' għaqdiet soċjali oħrajn għall-promozzjoni tal-bniedem, bħala nsara qegħdin ifittxu wkoll li ma jħallux neqsin lil ħuthom minn dik il-milja ta' żvilupp reliġjuż u morali li jinkiseb biss jekk ikun hemm ftuħ sħiħ għall-ħidma tal-grazzja ta' Alla. Imqanqlin mill-fidi u l-imħabba evanġelika dawn il-lajċi nsara jsiru xhieda ta' mħabba u ta' servizz għall-bniedem fil-ħtiġijiet kollha tiegħu firruħ u l-ġisem.

Dwar dan ukoll nittama li fl-okkażjoni tas-Sinodu, ħafna knejjes partikulari jagħarfu din is-sura ta' koperazzjoni missjunarja tagħhom u jħossu ruħhom fid-dmir li jagħarfu u jgħinu din is-sura ta' vokazzjoni missjunarja tal-lajċi, li ħafna żgur iħaddnu bil-ferħ, lesti biex jidħlu jagħmlu sehem attiv f'komunitajiet oħra ta' aħwa.

Vokazzjoni bħal din titlob impenn meqjus u għaqli b'mod li l-ħidma favur żvilupp soċjali u kulturali jkun imsieħeb ma' l-istqarrija tal-fidi nisranija. Għal servizz bħal dan, li hu iebes u jitlob ħafna minn min jagħmlu, jeħtieġ li jsiru

għażliet bil-għaqal kollu, ikun hemm tħejjija xierqa, u dawk li jintgħażlu jkunu jafu sewwa l-professjoni tagħhom u jkunu nies li laħqu l-kobor sħiħ tal-personalità tagħhom.

6. *Ftuħ għal suriet oħra ta' servizz*

L-Ispirtu li jwassal il-Knisja għall-verità kollha (ara Gw. 16, 13) jagħmilha xirka waħda b'ministeru wieħed, jagħniha bid-doni tiegħu, isebbaħha bil-frott tiegħu, billi jqassam fost dawk kollha li jemmnu, huma min huma, il-grazzji tiegħu, *ukoll grazzji speċjali,* biex bihom ikunu jistgħu jaqdu *kull xorta ta' ħidma u ta' uffiċċju (Lumen Gentium 12).*

Aħna lkoll imsejħin biex nagħarfu u nilqgħu bil-qalb dawn il-grazzji speċjali, li jingħataw ukoll lil-lajċi minħabba l-preżenza mixtieqa tagħhom fil-qasam missjunarju. Il-Knejjes li għadhom fil-bidu tagħhom huma, b'mod speċjali, imsejħin biex ikunu miftuħin u jagħmlu użu tajjeb bil-fiduċja kollha ta' dan il-għana spiritwali għal dawk l-uffiċċji u għal dawk il-ħidmiet li jidhru li huma meħtieġa għat-tiġdid u għall-kobor sħiħ tal-Knisja (ibid.).

Jeħtieġ għalhekk li jitqiesu sewwa u jinġabu 'l quddiem il-ħafna suriet tat-tisħib tal-lajċi fil-liturġija tal-komunitajiet insara, fil-programmi u l-kunsilli pastorali, fil-ħidma tal-karità u fil-ħidma biex il-Knisja tkun preżenti fl-oqsma kulturali, soċjali u ekonomiċi.

Nixtieq inħeġġeġ ukoll biex *il-lajċi nisa* wkoll li jidħlu għal dawn il-ħidmiet, jikbru dejjem aktar fil-għadd u fil-ħidma, għaliex il-qasam bla qjies tal-ħidma missjunarja għandu x'jikseb ħafna mill-ġenerożità tagħhom u mill-ħidma proprja tagħhom. Nixtieq li dawn il-lajċi jiddedikaw ruħhom kemm għal dawk il-ħidmiet li huma tradizzjonali fil-missjonijiet (sptarijiet, skejjel u assistenza) u kemm ukoll għall-ħidma diretta tax-xandir tal-Evanġelju billi jwaqqfu gruppi ta' familji, ifittxu d-djalogu ma' min ma jemminx jew ma' min mhux igħix ħajja nisranija, u jġibu 'l quddiem il-kultura kattolika, barra milli jkunu dejjem preżenti fl-oqsma tat-talb u tal-liturġija.

7. *L-Opri missjunarji pontifiċji*

F'dan il-jum ta' Għid il-Ħamsin, il-Knisja, quddiem il-ħtieġa li l-Evanġelju jitħabbar minnufih, tħoss ruħha tinfetaħ b'ħeġġa akbar għat-tnebbiħ qawwi u għall-imħabba li tagħti l-ħajja ta' l-Ispirtu s-Santu, li jqaddes il-Poplu ta' Alla u jmexxih u jżejnu b'kull virtù, biex il-kariżmi li bihom jingħarfu l-insara jagħtu l-frott tagħhom.

Irrid nagħti mandat speċjali lill-Opri missjunarji pontifiċji li twaqqfu sa mill-bidu bil-għan li jkunu strumenti għax-xandir tal-Evanġelju fid-dinja kollha, ħalli bil-ħidma tagħhom li tasal kullimkien iżommu dejjem ħajja fi ħdan il-Poplu ta' Alla, u l-aktar fost il-lajċi, l-ispirtu missjunarju u fl-istess ħin jagħtu xhieda tal-vokazzjoni speċjali li jkollhom dawk li jissejħu għall-missjoni.

Hu dmir dawn l-Opri li jqanqlu l-interess ta' l-insara kollha fil-missjonijiet ħalli dawn jagħtu

sehem kemm fil-qasam spiritwali u kemm fil-qasam materjali; barra dan huma fid-dmir li jgħinu u jġibu 'l quddiem il-vokazzjonijiet missjunarja taż-żgħażagħ. F'dinja mhedda minn tamiet fiergħa u minn ħafna inċertezzi, ma għandniex negħjew qatt inħabirku biex fost il-lajċi nqanqlu u nġibu 'l quddiem l-ideal nobbli tal-missjoni, ħekk li ħafna jkunu jistgħu jwieġbu bil-qalb għall-istedina tal-Muje: "Hawn jien, ibgħat lili!" (Is. 6, 8).

8. *L-Omm li timxi quddiemna fil-fidi u fil-missjoni*

Irrid infakkar ukoll — u din koinċidenza oħra sabiħa — is-Sena Marjana. Hi ħaġa naturali, ħaġa ħafifa u ta' faraġ kbir, li l-ulied kollha tal-Knisja jħarsu lejn Dik li kienet preżenti sa mill-bidu fil-missjoni tal-Knisja (Ara *Redemptoris Mater* 28). Jekk il-mixi tal-Knisja, li issa hu qrib it-tmiem ta' l-elfejn sena, jitlob impenn ġdid u mill-qalb fil-missjoni tagħha, biex dan isir hu dejjem meħtieġ li timxi ma' Marija.

Hija u mixja wara Kristu, il-Knisja, bl-istess fedeltà tal-imgħoddi, trid taqdi l-missjoni tagħha fi ħdan il-ġrajja tal-bnedmin u tal-ġnus: hija u tagħti sehmha f'din l-opra tal-Feddej, il-Knisja tingħaqad ma' Marija, hija u tistenna Għid il-Hamsin ġdid (ara Atti 1, 14). Lejn Marija li ġiet qabel il-Knisja fil-fidi, l-insara kollha jridu jħarsu biex jifhmu xi tfisser il-missjoni tagħhom u jagħmluha: jiġifieri jagħtu sehemhom fl-opra tas-salvazzjoni li għamel Kristu sa ma tilħaq il-milja kollha tagħha fis-smewwiet.

Bil-barka appostolika tiegħi.

Mill-Vatikan, 7 ta' Ġunju, solennità ta' l-Għid il-Ħamsin, tas-sena 1987, id-disa' sena tal-jontifikat.

*IOANNES PAULUS PP. II.*

## MESSAĠĠ TAL-PAPA GHALL-JUM L-EMIGRANT

### Il-Lajċi Kattoliċi u l-emigrazzjoni

Ħuti isqfijiet

Egħżież ulied il-Knisja!

L-aqwa ġrajja fil-ħajja tal-Knisja din is-sena hu s-Sinodu tal-isqfijiet, li jrid jiġbed l-attenzjoni u jqanqal l-interess tal-forzi kollha tal-Knisja biex il-lajċi jagħmlu pass sewwa 'l quddiem u jagħarfu x'inhi l-vokazzjoni tagħhom ħa jkabbru u jsaħħu s-Saltna ta' Alla fost il-bnedmin. Il-Knisja hi fid-dmir li xxandar l-Evanġelju, u lill-membri kollha tagħha ssir l-istedina ta' Ġesù: "Morru għamlu dixxipli mill-ġnus kollha" (Mt. 28, 19).

1. *L-emigrazzjoni u x-xandir tal-Bxara t-tajba*

Is-sehem tal-lajċi fil-missjoni tal-Knisja, fil-qagħdiet soċjali u kulturali kollha tad-dinja ta' llum, sa mill-bidu, kien wieħed mill-aqwa mezzi biex iwassal lil kulħadd l-istedina għas-salvazzjoni sħiħa li kisbilna Kristu. F'din il-

ħaġa l-emigrazzjoni kellha importanza speċjali, ukoll jekk inqisu x'sar fl-ewwel mijiet ta' snin tal-Knisja għax-xandir tal-Evanġelju. Għalhekk jidher li hi ħaġa tajba nibda l-messaġġ tiegħi għall-Jum l-Emigrant ta' din is-sena b'riferenza għal dak li hu s-suġġett tas-Sinodu u nitkellem dwar il-lajċi kattoliċi u l-emigrazzjoni.

L-impenn biex jitnaqqsu t-tbaijiet, l-umiljazzjonijiet u l-faqar li jġarrbu l-emigranti, hu impenn tal-Knisja kollox, imma hu mpenn l-aktar tal-lajċi minħabba l-ħafna aspetti soċjali li hemm marbutin ma' l-emigrazzjoni. Għandhom dmirijiet speċjali kemm dawk li jilqgħu fosthom l-emigranti u kemm dawk li jiġu milqugħin bħala emigranti.

2. *Id-dinjità u l-vokazzjoni tal-lajċi*

Bil-Magħmudija, in-nisrani, hu x'inhu l-istat tiegħu fis-soċjetà, hu msejjaħ minn Alla biex ikun ħabib ta' Alla u midħla tad-dar ta' Alla. Din il-vokazzjoni tfisser stedina biex wieħed jimxi wara Kristu, li huwa u jagħtina l-Ispirtu tiegħu, jagħmilna wlied Alla u jagħtina l-mezzi biex inġibu ruħna ta' wlied Alla.

Id-dinjità tal-bniedem, li għandha l-egħruq tagħha fil-fatt li l-bniedem ġie maħluq xbieha ta' Alla, b'din il-vokazzjoni tikseb ġieh aqwa u tidher fil-milja kollha tagħha. Kull bniedem hu maħbub minn Alla. Hadd ma hu mċaħħad minn din l-imħabba. Il-verità li Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw hi l-pedament tal-ħerqa missjunarja tal-Knisja u tat bidu għall-ħidma tan-nies ta' llum biex iġibu 'l quddiem l-għaqda fil-familja kollha tal-bnedmin; din il-verità ġġib fix-xejn kull diskriminazzjoni bejn bniedem u ieħor, twassal biex il-ġnus kollha jkunu ndaqs u tara li kull bniedem ikollu dak ir-rispett li jistħoqqlu bħala bniedem hi x'inhi l-qagħda tiegħu. Kull bniedem għandu jkun maħbub, rispettat, u mħares minħabba r-relazzjoni tiegħu ma' Alla u ma' Kristu. Jekk dan ir-rapport tal-bniedem ma' Alla u ma' Kristu jitwarrab fil-ġenb u jintesa, malajr jinstabu skużi biex jiġġustifikaw id-diskriminazzjoni, il-moħqrija u t-twarrib ta' xi wħud minn oħrajn.

L-Evanġelju, bħala dawl jiddi mill-għoli, ma jħabbarx verità li tilħaq il-qofol tagħha biss fir-ruħ ta' kull bniedem, imma verità li titlob impenn għall-ħidma fid-dinja kollha bid-dieħer.

3. *Il-missjoni tal-lajċi fil-pajjiżi li jilqgħu l-emigranti*

Id-dinja li fiha llum qiegħed nistedinkom biex timpenjaw ruħkom hija d-dinja tal-emigrazzjoni. Hemm ħafna affarijiet li għandhom iħajru għal dan l-impen kemm lil dawk li jinsabu fil-pajjiżi li jilqgħu l-emigranti u kemm lill-istess emigranti.

L-emigrazzjoni toħloq ħafna problemi kbar dwar il-familja, ix-xogħol, l-iskola, id-dar u s-servizzi soċjali. Hemm nies u hemm ukoll assoċjazzjonijiet ta' lajċi li ġa qegħdin jagħtu ħinhom u ħilithom lill-emigranti (tobba, avukati, għalliema, eċċ).

a) impenn għall-armonija fis-soċjetà

Ġesù ried jibqa' fostna f'dawk

li huma fil-bżonn, u fost dawn hemm żgur l-emigranti. Ġesù dan riedu biex iġiegħel il-bniedem iħabrek ħalli jtejjeb dejjem aktar il-qagħda tiegħu u tal-bnedmin l-oħra b'mod li tkun tassew tixirqilhom bħala bnedmin. Kristu jinsab kemm ma' min jaqdi u kemm ma' min hu moqdi. Meta wieħed ikun isaħħaħ din il-fehma, ikun qiegħed jimpenja ruħu b'qalbu kollha favur l-oħrajn.

b) tfittxija ta' soluzzjonijiet skond il-ġustizzja.

Il-problemi tal-emigranti ġeneralment huma dawk stess tal-post fejn jinsabu. Kullimkien illum fid-dinja hemm il-problemi tad-dar, tax-xogħol, tas-servizzi soċjali, eċċ. Imma l-qagħda mwiegħra tal-emigranti tkabbar ħafna dawn il-problemi li jolqtu 'l kulħadd. Hu dmir l-awtoritajiet ċivili li jfittxu l-ġid ta' kulħadd, u joqogħdu attenti li ma ssir ebda diskriminazzjoni bi ħsara għall-emigranti. Iżda, barra dan, l-emigranti għandhom problemi oħra li huma tagħhom biss: għalhekk hu dmir il-lajċi li jipproponu u jitolbu soluzzjonijiet xierqa għal dawn il-problemi f'isem Alla u f'isem il-bniedem. Il-pajjiżi għonja ma jistax ma jimpurtahomx mill-problema tal-emigrazzjoni u wisq aktar ma għandhomx jagħlqu pajjiżhom għall-emigranti u jagħmlu liġijiet kontrihom, aktar u aktar meta dejjem aktar qed jikbru d-differenzi bejn il-pajjiżi għonja u l-pajjiżi fqar li minnhom ikunu ġejjin l-emigranti. Jeħtieġ ikun hemm aktar riflessjoni biex jinsabu kriterji aktar żguri ta' ġustizzja distributtiva li jkunu jorbtu mad-dinja kollha, ukoll biex hekk ikun imħares mad-dinja kollha l-ġid li ġġib il-paċi.

ċ) it-tisħiħ tal-emigranti fil-ħajja tas-soċjetà li tilqagħhom.

Hi x'inhi l-qagħda ta' kull wieħed, kulħadd illum iħoss li għandu jkollu sehem f'kollox, ħaġa li ġejja mill-fatt li llum kulħadd iħoss li għandu d-dinjità tiegħu ta' bniedem li hu. Jeħtieġ jingħata każ ta' dan il-fatt biex ikun hemm soluzzjonijiet veri, li jibqgħu, tal-problemi tal-emigranti. Dan it-tisħib irid jidher aktar ċar u jrid iseħħ minnufih fil-qasam tal-ħajja tal-Knisja, għax fil-Knisja ħadd ma hu barrani. Kristu fuq is-salib ġarraf il-ħitan li kienu jifirdu l-Lhud mill-pagani, l-ilsiera mill-ħielsa. L-emigrazzjoni hi ta' okkażżjoni għal kull knisja lokali biex tara jekk hijiex tassew kattolika, għax biex tkun hekk mhux biżżejjed li tilqa' l-barranin ta' razez differenti, imma jeħtieġ ukoll li dawn il-barranin tagħmilhom xirka waħda. Il-ħafna razez u kulturi fi ħdan il-Knisja ma joħolqux qagħda li tistabar biha sakemm tiġi fix-xejn, imma hija qagħda li hi parti mill-istruttura tal-Knisja. L-għaqda fil-Knisja ma tiġix mill-fatt li kulħadd għandu l-istess bidu, l-istess kultura u l-istess ilsien, imma tiġi mill-ispirtu ta' Għid il-Ħamsin li għamel poplu wieħed ġnus ta' ħafna ilsna u nazzjonijiet, ta fidi waħda f'Mulej wieħed u sejjaħ għal tama waħda. Għaqda bħal din hi aktar qawwija u aktar fil-fond minn kull għaqda oħra.

d) il-ġlieda għar-rispett tal-bniedem.

Il-vokazzjoni missjunarja tal-Knisja llum għandha postha fi ħdan l-istess soċjetà, fejn, flimkien mal-komunitajiet insara,

hemm komunitajiet oħra ta' ilsna oħra u twemmin ieħor. Minħabba l-emigrazzjoni, is-soċjetà saret post fejn jiltaqgħu flimkien u jinfluwenzaw lil xulxin razez, reliġjonijiet u kulturi differenti: minn din it-taħlita trid toħroġ dinja ġdida, mibnija fuq l-verità u l-ġustizzja. Il-ħidma tal-lajk nisrani kontra l-inġustizzji u biex iġib 'il quddiem il-ħajja tal-bniedem trid tkun aqwa minn dik tal-oħrajn għaliex lin-nisrani Alla, permezz tal-grazzja u tar-rivelazzjoni, jagħtih id-don ta' aktar dawl u aktar qawwa.

4. *Il-missjoni tal-emigranti*

F'dan il-messaġġ dwar il-ħidma tal-lajċi fil-probelma tal-emigrazzjoni, inħoss li għandi ngħid kelma speċjali lill-istess emigranti. Il-Knisja taf x'inhuma l-problemi kbar tagħkom, taf bil-qagħda mwiegħra tagħkom f'ħafna pajjiżi, taf bil-qtigħ il-qalb tagħkom dwar il-ġejjieni tagħkom u ta' wliedkom. Il-Knisja ma titlifx okkażjoni li tappella għall-kuxjenza ta' l-awtoritajiet ċivili biex jaraw x'jagħmlu ħa jtejbu l-qagħda tagħkom. Irrid għalhekk nuri x'kontribut kbir tistgħu tagħtu intom bħala emigranti għall-missjoni tal-Knisja, l-aktar biex iġġibu 'l quddiem l-għaqda bejn l-aħwa u l-paċi. Hu dmir li jolqot lil kulħadd hi x'inhi l-qagħda ta' kull wieħed fis-soċjetà.

a) turu l-ħerqa tal-Knisja fi ħdan l-istess komunità ta' l-emigranti.

Il-qagħda tagħkom fil-pajjiżi fejn tinsabu, 'il bogħod minn pajjiżhom u f'ambjent xejn ma jaqbel ma' dak li bih kontu mdorrijin, tagħmel li l-kontribut tagħkom ħadd ma jista' jagħtih ħliefkom. Bħalissa qiegħed naħseb fl-emigranti mxerrdin fl-ibliet il-kbar kollha tad-dinja tal-punent. F'dawn l-ibliet għadd ta' inizjativi, marbutin ma' xulxin, inizjativi li intom tridu tibdewhom u ġġibuhom 'il quddiem, għandhom iwasslu biex juru l-vera ħerqa missjunarja tal-Knisja fil-qasam tal-emigrazzjoni, għax il-Knisja tinbena proprju fejn titħabbar il-Kelma ta' Alla, kif igħid il-Mulej: "fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom" (Mt. 18, 20).

Fil-qagħda li fiha tinsabu l-fidi tagħkom ma tistax tkun biss wirt li tridu tħarsu, imma verità li tridu tagħarfu dejjem aktar fil-fond, u ġġibu aktar 'il quddiem fil-kuntest tal-knisja tal-post fejn tinsabu. Il-ħidma biex il-fidi tagħkom tidħol aktar 'il ġewwa fikom u tkun parti mill-personalità tagħkom, titlob li jkun hemm komunitajiet li, bir-raġun kollu, jagħmlu li awtomatikament, jidħlu jagħmlu parti mill-Knisja tal-post. Il-pastorali proprja tal-emigranti, biex ma tkunx pastorali ta' nies imwarrbin mis-soċjetà li fiha jinsabu, titlob li jkun hemm komunitajiet, li bir-raġun kollu, jagħmlu parti minn nisġa ekklesjali tal-post, u, flimkien ma' komunitajiet oħra, jagħtu sehemhom għall-bini tas-saltna ta' Alla.

b) Responsabbli tal-kobor tal-komunità tal-emigranti.

Biex tibni komunitajiet bħal dawn li semmejna, fil-qasam tal-emigrazzjoni, jeħtieġ li jkun hemm xi inizjativi: il-formazzjoni ta' gruppi ta' emigranti ta' spiritwalità għolja li jħossu sewwa l-impenn li għandu jkollhom bħal

nsara; il-ħolqien ta' komunitajiet żgħar ta' nies ta' fidi li jżommu kuntatt ma' xulxin u jaqsmu bejniethom l-esperjenzi tagħhom; it-twaqqif ta' kunsilli parrokkjali magħmulin min-nies li qegħdin igħixu l-messaġġ tal-Evanġelju u li jgawdu l-fiduċja tal-komunità. L-ewwel appostli fost l-emigranti għandhom ikunu l-istess emigranti.

ċ) tgħixu u twasslu l-fidi fi ħdan il-familji.

Il-ħidma tagħkom, minn ħdan il-komunità trid tasal fi ħdan il-familji, qasam li nħoss li għandi ninsisti fuqu bħala qasam li jitlob minnkom impenn speċjali. Il-qagħda tagħkom bogħod minn art twelidhom, fi żmien meta n-nuqqas ta' ħajja reliġjuża qiegħed dejjem jikber, titlob li l-familja tkun mill-ġdid l-ewwel post fejn jiġi mgħallem il-katekiżmu, li l-familja tkun knisja żgħira fejn il-ġenituri jgħallmu 'l uliedhom il-fidi nisranija u fejn l-ulied jitgħallmu l-fidi mill-ħajja li tkun tgħix il-familja. Fost l-emigranti hemm ħafna li nqatgħu mill-familja. Huma nies li jħobbu, ibatu u jfittxu, f'qagħda tassew iebsa. Alla ma jistax ikun 'il bogħod minn dawn in-nies. Għalhekk hu dmir tal-lajċi kollha li jkunu "proxxmu" għal dawn in-nies u jħabbrulhom il-Bxara t-tajba kif ħabbarha l-Mulej: fil-knisja, fid-djar, fit-triqat,, għand il-ħbieb.

5. *Dmir is-saċerdoti fil-formazzjoni ta' l-adulti*

Dejjem b'riferenza għall-ħidma tal-lajċi, issa nżid kelmtejn lil dawk is-saċerdoti li qegħdin jaħdmu fil-qasam tal-emigrazzjoni, u rrid ninsisti li jekk ma jkunx hemm il-ħidma tas-saċerdot, ma jinħolqux il-gruppi ta' lajċi impenjati. Is-saċerdoti għalhekk għandhom responsabbiltà diretta f'din il-ħaġa. Inżid ngħid ukoll li biex isseħħ din il-ħidma, irridu nagħtu każ ta' ċerti prijoritajiet. Għalhekk irrid ngħid li qabel xejn għandna nfittxu nimpenjaw lajċi adulti. Dan ma jfissirx li għandna nwarrbu lit-tfal, liż-żgħażagħ jew gruppi oħra ta' nies. Dawn nilħquhom minn triqat oħra. L-għażla ta' adulti hi importanti għaliex il-katekeżi m'hijiex biss li titgħallem il-fidi, imma li tgħixha ma' l-oħrajn fl-ambjent li fih tinsab, billi tibdel il-mentalità tiegħek, għaliex l-adulti, huma u juru koerenza fil-ħajja tagħhom ta' kuljum bejn il-fidi li jħaddnu u l-ħajja li jgħixu, huma fl-istess waqt katekisti fi ħdan il-familja. Hekk il-familja ssir "il-knisja fid-dar", li tgħallem, tagħti xhieda, u tnissel mhux biss l-ulied għall-ħajja, imma wkoll għall-fidi.

6. *Konklużjoni*

L-emigrazzjoni llum hija mezz li bih il-bnedmin jiltaqgħu ma' xulxin. B'hekk jistgħu jiġu fix-xejn ħafna preġudizzji, u n-nies jifhmu aħjar lil xulxin u jqisu ruħhom aħwa, u jagħarfu li bħala bnedmin ilkoll aħna familja waħda. Fid-dawl ta' dan, nistgħu nqisu l-emigrazzjoni l-waqt l-aktar 'il quddiem fil-mixja tal-ġnus lejn il-fraternità universali. Il-Knisja, li bħala xirka tilqa' fi ħdanha l-kulturi kollha mingħajr ma tidentifika ruħha ma' xi waħda, tidher bħala sinjal effikaċi ta' din il-ħerqa għall-għaqda tal-familja kollha l-bnedmin li kuljum qigeħda dejjem aktar tikber. Il-

Knisja, bħala l-Poplu ta' Alla, miexi lejn is-sema pajjiżu, hi għad-dinja kollha għerq mill-aqwa tal-għaqda, tat-tama u tas-salvazzjoni (Lumen gentium, 9).

Is-Sena Marjana, li tulha qiegħed isir is-Sinodu, tagħtih dawl speċjali. Il-Verġni Marija, għax emmnet il-wegħdiet tal-Mulej, saret ix-xbieha l-aktar perfetta tal-Knisja, li tnissel ulied ġodda għall-fidi. "Kristu jgħammar fikom permezz tal-Fidi" (Ef. 3, 17). "Dawk kollha li f'kull żmien fost il-popli u n-nazzjonijiet kollha tad-dinja jilqgħu bil-fidi l-misteru ta' Kristu...... *ifittxu fil-fidi ta' Marija l-għajnuna li jeħtieġu għall-fidi tagħhom* (Redemptoris Mater, 27). Hi, bis-sehem sħiħ li kellha fil-misteru tas-salvazzjoni "issejjaħ lil dawk kollha li jemmnu f'Binha, fis-sagrifiċċju tiegħu, fl-imħabba tal-Missier. Għalhekk b'xi mod il-fidi ta' Marija... issir bla heda l-fidi tal-Poplu ta' Alla fil-mixi tiegħu, il-fidi ta' l-individwi u tal-komunitajiet, tal-ambjenti u tal-ġemgħat, tal-gruppi kollha li jinsabu fi ħdan il-Knisja" (ibid. 28).

Jalla dan il-messaġġ jiġi milqugħ bil-qalb kollha: b'din ix-xewqa nagħti minn qalbi l-barka appostolika tiegħi lil kulħadd u b'mod speċjali lill-fqar, lill-morda u lit-tfal, li jinsabu f'qagħda mwiegħra minħabba l-emigrazzjoni.

Mill-Vatikan, 5 ta' Awissu 1987.

*IOANNES PAULUS PP. II.*

# ITTRA APPOSTOLIKA FL-OKKAŻŻJONI TAT-TIENI MITT SENA TAL-MEWT TA' SAN ALFONS DE' LIGUORI

Lill-Giovanni M. Lasse de la Vega, Miranda, Superjur Ġenerali Redentoristi

"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin, bagħatni ndewwi l-qalb miksura" (Lq. 4, 18, ara Is. 61, 1). Dan il-kliem ta' l-Iskrittura li Kristu, l-Iben miqjum ta' Alla u l-mibgħut mill-Missier, qalu għalih innifsu fil-bidu tal-Missjoni Messjanika tiegħu; dan il-kliem ta' l-Iskrittura li bih tibda l-liturġija tal-Quddiesa f'jum it-tifkira ta' San Alfons de Liguori (ara Antifona ta' l-introjtu); dan il-kliem jidwi b'mod l-aktar solenni f'dan il-jum li fih qegħdin infakkru l-mitejn sena tat-twelid għas-sema ta' dan l-isqof ħabrieki, li hu Duttur tal-Knisja, u fundatur tal-Kongregazzjoni tar-Ridentoristi.

B'ferħ kbir ta' qalbi llum inkellem lilek u 'l ulied kollha ta' San Alfons, jiena u nagħmel, mal-Knisja kollha, it-tifkira ta' dan il-qaddis li fi żmienu kien mgħallem ta' l-għerf u li llum ukoll, bl-eżempju ta' ħajtu u bit-tagħlim tiegħu, li bih, qisu jirrifletti d-dawl ta' Kristu, li hu dawl tal-ġnus, idawwal il-mixi tal-poplu kollu ta' Alla.

*Il-ħajja ta' San Alfons*

San Alfons (biex ngħidu fil-qasir xi ħaġa dwar ħajtu), twieled f'Marianella ta' Napli, fil-21 ta' Settembru 1696. Iben ta' familja nobbli, kiseb edukazzjoni tajba kemm fil-letteratura u kemm fil-ġurisprudenza: din l-edukazzjoni tiegħu fi tfulitu u f'żogħżitu kienet imsieħba ma' ħajja nisranija kollha għaqal u ħeġġa: kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija u lejn Omm Alla; kien iżur il-morda u l-ħabsin; kien juri mħabba għall-foqra u kien iħabrek biex igħallem u jxerred it-tagħlim nisrani fost il-lajċi.

Iżda, wara bidu brillanti fil-qrati ta' Napli, San Alfons ħalla d-dinja biex jaqdi biss lil Alla. Ta' tletin sena, tal-21 ta' Diċembru 1726, ġie ordnat saċerdot u ngħaqad mal-kleru ta' Napli.

Minnufih intefa' b'ħeġġa kbira għall-ħidma fil-kwartieri l-aktar fqar ta' Napli, u ta ħajja ġdida lill-"kappelli vespertini" (hekk kienu jsejħulhom) billi bidilhom fi djar ta' edukazzjoni morali u ċivili. Bħala membru tas-Sodalità tal-Missjoni Appostolika ta' Napli, ta ruħu għall-predikazzjoni fl-irħula u fit-trufijiet l-aktar imbegħdin tas-saltna ta' Napli. Kienet ħidma importanti ħafna għaliex biha San Alfons sar jaf sewwa dak il-qasam tal-popolazzjoni Naplitana, nieqes għal kollox minn kull tagħlim ċivili u reliġjuż, u dan wasslu għall-fehma li jibda jieħu ħsieb "l-erwieħ l-aktar abbandunati", li kienu jgħixu fil-kampanja u l-irħula Naplitani. Għalhekk, għall-evanġelizzazzjoni tal-foqra, fid-9 ta' Novembru, 1732, fi Scala, ħdejn Salerno, waq-

qaf istitut missjunarju, il-Kongregazzjoni tar-Rendentur, biex il-membri ta' din il-Kongregazzjoni jmorru minn post għall-ieħor jippriedkaw missjonijiet u eżerċizzi u jgħallmu katekiżmu adattat għan-nies. Għal tletin sena, mill-1732 sal-1762, il-ħidma missjunarja li kienet dejjem tkebbes f'qalbu, waslitu mhux biss biex jagħti bidu għal ħafna inizjattivi, imma wkoll biex iwettaq dejjem aktar l-għan li għalih waqqaf il-Kongregazzjoni tiegħu, jiġifieri l-ħidma favur il-fqar u l-umli.

Fis-sena 1762 sar Isqof ta' S. Agata de' Goti, u bħala Isqof għamel ħidma hekk kbira li bil-kemm titwemmen, jekk inqisu kemm dak li għamel u kemm dak li kiteb. Iżda, imġarrab minn artrite kiefra, fl-1769 kellu jħalli d-djoċesi u jinġabar fil-belt ta' Pagani, fil-provinċja ta' Salerno, fid-dar ta' l-istitut li kien waqqaf; hemm-hekk, imġarrab minn tbatijiet kbar fir-ruħ u l-ġisem, tbatijiet li hu dejjem aċċetta bħala rieda ta' Alla, għadda l-bqija ta' ħajtu sa ma miet fl-1 ta' Awissu fl-1787, ta' 91 sena.

Jekk inqisu l-ħajja twila li għex, naraw li kienet dejjem ħajja ta' ħidma bla heda, kif għandha tkun il-ħidma ta' wieħed li kien missjunarju, Isqof, teologu, fundatur u moderatur ta' Kongregazzjoni reliġjuża.

*L-importanza ta' ħajtu*

Wara li rajna fuq fuq x'kienet il-ħajja ta' San Alfons, jaqbel naraw x'importanza kellu fis-soċjetà ta' żmienu. U l-ewwelnett ngħidu li biex ikun ta' għajnuna għall-poplu fil-ħtiġijiet tiegħu, max-xandir tal-kelma u l-ħidma tal-appostolat sieħeb ukoll il-kitba: huma żewġ aspetti tal-ħajja u tal-ħidma tiegħu li jikkompletaw lil xulxin u juru b'mod l-aktar ċar x'kienet il-karatteristika tal-ħidma pastorali tiegħu. Il-kitba u l-predikazzjoni kollha tiegħu kienu ġejjin mill-ħerqa li kellu għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ u l-għan kien li jwasslu għal dan. Il-ministeru tiegħu tal-kitba bdieh bil-*Massime eterne* u bil-*Canzoncine spirituali:* u din il-ħidma, speċjalment meta kien Isqof f'Santa Agata de' Goti, kiber b'mod ta' l-għaġeb. Kiteb 111-il ktieb li ttrattaw l-aktar dwar il-morali, il-fidi, u t-tjieba.

Nistgħu ngħidu li San Alfons *ġedded id-dutrina morali, id-dutrina dwar l-imġiba nisranija.* Minħabba l-ħafna qrar li kien jisma', l-aktar fiż-żmien li kien jippriedka l-missjonijiet, bil-mod il-mod, u mhux mingħajr sforz kbir, taffa l-fehma tiegħu u wasalha għall-qagħda fejn sieħeb flimkien is-severità mal-libertà. Dwar is-severità kbira u r-rigoriżmu li s-saċerdoti kienu spiss juru fl-amministrazzjoni tas-sagrament tal-penitenza (li San Alfons kien imdorri jsejjaħlu "ministeru ta' grazzja u ta' maħfra") kien igħid: "Ir-rigoriżmu żejjed fil-qrar jagħmel ħsara lill-erwieħ daqs kemm jagħmel ħsara is-saċerdot li jkun laxk iżżejjed. Għalhekk jien nikkundanna dak ir-rigoriżmu, li mhux skond il-verità għax iwassal għat-tiġrif u mhux għall-bini tar-ruħ fit-tjieba. Mal-midinbin wieħed għandu jġib ruħu b'dik l-imħabba u b'dik il-ħlewwa li kien juri magħhom Ġesù. Għalhekk,

jekk irridu nirbħu erwieħ għal Alla, jeħtieġ inkunu mhux bħal Ġansenju, imma bħal Ġesù Kristu, xempju tal-missjunarji" (1).

Fl-aqwa opra tiegħu dwar il-morali, fost ħwejjeġ oħra, ta' min ifakkar dan li kiteb: "Hi ħaġa żgura jew ta' min iqisha bħala ħaġa żgura li ma għandniex ngħabbu iln-nies b'xi ħtija gravi jekk ma jkunx hemm raġunijiet ċari għal dan. Meta nqisu l-qagħda dgħajfa tal-bniedem fid-dinja, mhux dejjem veru li nkunu aktar fiż-żgur jekk imexxu l-bnedmin minn triq aktar iebsa, jekk inqisu li l-Knisja tikkundanna kemm il-libertà żejda u kemm ir-rigoriżmu żejjed" (2).

Lanqas ma għandu jkollna ebda dubju li l-kitbiet li ġejjin, jiġifieri l-*Praxis confessarii*, l-*Homo Apostolicus*, u fuq kollox, it-*Theologia moralis* juru lil San Alfons bħala mgħallem għaref tal-morali Kattolika.

Fil-qasam tal-*kontroversji teoloġiċi* ħadha bil-qawwa kollha kontra l-fehmiet ġodda li bdew jinxterdu fi żmienu: l-*illuminiżmu* li kien qiegħed ihedded l-istess sisien tal-fidi tagħna; il-*ġanseniżmu* li bit-tagħlim tiegħu dwar il-grazzja flok isaħħaħ il-fiduċja u jqawwi t-tama ta' dak li jkun, kien qed iwassal lil xi wħud għad-disperazzjoni u 'l xi wħud oħra, għall-kuntrarju, biex ma jagħmlu xejn, il-*febronjaniżmu* li, qisu frott tal-ġanseniżmu politiku u l-ġurisdizzjonaliżmu kien inaqqas l-awtorità tal-Papa u jsaħħaħ dik tal-prinċpijiet u tal-knejjes ta' kull pajjiż.

Jekk imbagħad inqisu t-*Teoloġija dommatika* nistgħu ngħidu li San Alfons bena t-tagħlim tiegħu dwar il-grazzja l-aktar billi rabatha mat-tagħlim dwar it-talb, li jagħti nifs lir-ruħ u jqawwi l-fiduċja u tama tas-salvazzjoni. Kiteb dan: "Alla ma jċaħħad lil ħadd mill-grazzja tat-talb, li jgħin biex tintrebaħ kull ġibda ħażina u kull tentazzjoni. Ngħid, u nerġa' ngħid, u ntennih sakemm indum ħaj: is-salvazzjoni tagħna tiddependi minn ħaġa waħda biss: mit-talb". Minn din il-fehma joħroġ dan il-prinċipju: "Min jitlob isalva, jintilef min ma jitlobx" (3).

Hi ħaġa ċara li l-ispiritwalità ta' San Alfons hi mibnija fuq dawn iż-żewġ elementi: it-talb u l-grazja. It-talb, jekk għandna nemmnu lil San Alfons, m'huwiex biss xi egħmil ta' tjieba, imma hu wkoll ħtieġa u esiġenza naturali, li hi marbuta mas-salvazzjoni u adatta ħafna għaliha. Kulħadd sgur jara f'din id-definizzjoni x'importanza għandu t-talb fil-ħajja tan-nisrani, hekk li nistgħu nqisuh bħala "l-aqwa mezz għas-salvazjoni tagħna". Bħalma ħarġu mill-ħidma tal-appostolat tiegħu fost il-poplu u wettquha l-kitbiet morali u dommatiċi tiegħu, hekk ukoll, u wisq aktar, ħarġu u wettquha l-*kitbiet spiritwali* tiegħu.

Kulħadd jaf liema huma l-kitbiet spiritwali ta' San Alfons: *Le glorie di Maria, L'apparecchio alla morte, La vera sposa di Gesù Cristo, Le visite al Ss.mo sacramento e a Maria Ss.ma, Il modo di conversare continuamente e alla familiare con Dio*, u l-aktar *La pratica di amar Gesù Cristo*, li hu l-aqwa opra axxetika tiegħu u

jiġbor fih fil-qosor it-tagħlim kollu tiegħu.

Jekk imbagħad nistaqsu x'kienu l-karatteristiċi ta' l-ispiritwalità ta' San Alfons nistgħu niġbruhom f'sentenza waħda: hi *spiritwalità li tgħodd ħafna għall-poplu nisrani*. Hi din, fi ftit kliem: Il-bnedmin kollha huma msejħin għall-qdusija, kull wieħed skond l-istat tiegħu. Il-qdusija u l-perfezzjoni huma fuq kollox l-imħabba ta' Alla, li tilħaq il-qofol u l-perfezjoni tagħha meta tasal għar-rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla: mhux ma' xi Alla astratt, imma ma' Alla li hu Missier il-bnedmin kollha, Alla tas-salvazzjoni tagħna, irrivelat lilna minn Ġesù Kristu. Il-Kristoloġija ta' San Alfons, jiġifieri t-tagħlim tiegħu dwar Kristu, hi wkoll kwalità essenzjali ta' l-ispiritwalità tiegħu, għaliex l-Inkarnazzjoni, il-Passjoni u l-Ewkaristija għalih huma l-aqwa sinjali ta' l-imħabba ta' Alla. Għalhekk kienet tassew għażla tajba għat-tieni lezzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat is-silta meħuda mill-ewwel kapitlu ta' *La pratica di amare Gesù Cristo*.

San Alfons jagħti importanza kbira lis-Sagramenti fil-ħajja tan-nisrani, u l-aktar lis-Sagrament ta' l-Ewkaristija u l-qima ewkaristika kif naraw sewwa mill-ktieb tiegħu *Le visite al Ss.mo Sacramento*. Għalih ukoll id-devozzjoni lejn il-Madonna għandha post speċjali fil-pjan tas-salvazzjoni: hi Medjatriċi tal-Grazzja, imsieħba fl-opra tal-fidwa, u għalhekk Omm, Avukata u Sultana: tul ħajtu kollha, mill-bidu sat-tmiem tagħha San Alfons kien kollu kemm hu taħt il-ħarsien ta' Marija.

Il-fama kbira li San Alfons kellu meta kien għadu ħaj, kibret b'mod ta' l-għaġeb wara mewtu, u ma naqset qatt tul dawn il-mitejn sena. Minħabba f'hekk, wara l-kanonizzazzjoni tiegħu fis-26 ta' Mejju 1839 mill-Papa Girgor XVI, intbagħtu ħafna ittri lis-S. Sede jitolbu biex jingħatalu t-titolu ta' Duttur tal-Knisja: dan it-titolu tahulu l-Papa Piju IX fit-13 ta' Marzu 1871. L-istess Papa fis-7 ta' Lulju ta' l-istess sena fl-ittra appostolika *Qui Ecclesiae suae* jikteb dan dwar it-titolu ta' Duttur mogħti lil San Alfons: "Nistgħu ngħidu mingħajr biża' li niżbaljaw li ma kienx hemm ebda tagħlim qarrieqi ta' żmienna li ma ġiex, tista' tgħid kollu kemm hu, imwaqqa' minn San Alfons". (5).

Il-Papiet spiss għarfu, fakkru u xandru l-fama ta' dan il-qaddis saż-żminijiet tagħna stess. Dan għamlu l-Papa Piju XII meta fis-26 ta' April, 1950 għamel lil San Alfons patrun fis-sema tal-konfessuri u l-moralisti (6); u fis-6 ta' April 1953 kiteb hekk: "Dan il-qaddis ta' ħeġġa missjunarja, liema bħalha, ta' devozzjoni tassew ta' l-għaġeb lejn l-Ewkaristija, ta' mħabba kollha ħlewwa għall-Madonna, bil-kitba tiegħu xerred teżori kbar ta' ħajja spiritwali. Iddawl ta' fehmtu u l-ħeġġa ta' qalbu, imsaħħin mill-għerf tas-sema, iqawwu f'kulħadd il-ħajja vera u d-devozzjoni, u jqanqlu wkoll, bil-ħlewwa kollha, lil kull bniedem biex jinġabar fih innifsu u jgħolli qalbu lejn Alla". (7).

Ta' min ifakkar imbagħad dan il-kliem tal-Papa Ġwanni XXIII: "San Alfons! San Alfons! X'ġieh, x'tagħlim int għall-kleru

Taljan! Konna nafu sewwa ħajtu u l-opri tiegħu sa mill-ewwel snin tal-formazzjoni saċerdotali tagħna!" (8).

*Il-messaġġ ta' San Alfons għażżmien ta' llum*

Mix-xhieda li tagħtina l-istorja tal-Knisja u mid-devozzjoni tal-poplu nisrani jidher ċar li l-messaġġ ta' San Alfons għadu jgħodd illum ukoll. Għalhekk il-Knisja llum tistieden lill-membri kollha tal-Kongregazzjoni tar-Redentoristi u lill-insara kollha ħa jkunu dejjem aktar jixbħuh. Għalhekk se nfakkar xi affarijiet li nixtieq li jitqiesu sewwa.

San Alfons kien *ħabib kbir tal-poplu*, tal-poplu fqir, tal-poplu li kien igħix fil-kwartieri l-aktar fqar fil-belt kapitali tas-saltna ta' Napli; tal-poplu umli, tal-ħaddiema u l-aktar tan-nies ta' l-irħula. Il-ħajja kollha ta' San Alfons bħala missjunarju, bħala Isqof, bħala fundatur tal-Kongregazzjoni tar-Redentoristi, u bħala kittieb, turi l-ħerqa kollha tiegħu għal dan il-poplu.

Bħala *missjunarju* fittex l-aktar "in-nies abbandunati minn kulħadd li kienu jgħixu fl-irħula u fil-kampanja" biex igħallimhom bil-kelma ħajja tiegħu u adatta għalihom. Ġedded il-predikazzjoni kemm fis-sura u kemm fil-kontenut tagħha b'mod li kienet tiftiehem minn kulħadd u tolqot lil kulħadd, u b'hekk wasal biex kulħadd jifhem sewwa l-verità li kien iħabbar.

Bħala *fundatur* ta' Kongregazzjoni reliġjuża dan il-qaddis fittex li jkollu miegħu malajr grupp ta' dixxipli li bħalu jersqu lejn dawk l-aktar abbandunati u jgħixu fosthom. Bħala *Isqof* daru, għalkemm miftuħa għal kulħadd, kienet tilqa' l-aktar bil-ferħ il-fqar u l-imsejknin: favur dawn in-nies San Alfons ta bidu wkoll għal xi inizjattivi soċjali u ekonomiċi.

U fl-aħħarnett bħala *kittieb* kull ma kiteb kien kollu għall-ġid tal-poplu nisrani, u kull opra li kiteb, ukoll dawk dwar il-morali, qisu kienet mitluba mill-istess poplu nisrani. Tajjeb kiteb dwaru il-Papa Ġwann Pawlu I meta kien għadu Patrijarka ta' Venezja: "San Alfons hu teologu li tkellem dwar il-ħajja fil-prattika, dwar dak li għandu isir malajr, skond ma titlob l-esperjenza. Jekk kien meħtieġ isaħħaħ l-imħabba fil-midinbin, kiteb dwar l-axxetika; jekk f'xi mkien kienu qed jiddgħajfu l-fidi u t-tama kiteb dwar id-dommatika u l-morali". (9).

Il-popolarità ta' San Alfons ġejja mill-mod ċar u sempliċi li bih kien jikteb u jitkellem, u mill-ottimiżmu tiegħu: bi ftit kliem u bi ħlewwa liema bħalha. Din l-imħabba għall-poplu kienet imsaħħa mill-ħerqa għas-salvazzjoni ta' dejjem, tiegħu u ta' l-oħrajn, salvazzjoni li twassal għall-perfezzjoni u l-qdusija. Minħabba f'hekk il-ħidma pastorali tiegħu ma kienet tħalli barra lil ħadd: kiteb lil kulħadd, u għal kulħadd. Ir-ragħajja ta' l-erwieħ, u l-aktar, lill-Isqfijiet, lis-saċerdoti u lir-reliġjużi kien iħeġġiġhom biex jingħataw kollha kemm huma għall-ħtiġijiet tal-poplu fdat lilhom.

Kull ma għallem San Alfons, kull ma ġedded, (u l-aktar dan), kien ġej mis-sens li kellu tal-Knis-

joni li ttieħdet fil-Kapitlu Ġenerali tas-Sena 1985 li timpenjaw ruħkom f'"Missjoni lill-Ġnus" l-aktar fl-Asja u fl-Afrika. Hu impenn li jaqbel mal-fehmiet tal-bidu tal-Fundatur tagħkom.

*Il-missjonijiet popolari:* huma sura mwettqa u soda tal-ħidma pastorali tal-Kongregazzjoni tagħkom: huma xhieda ċara ta' kemm intom kontu dejjem qrib il-poplu. Jeħtieġ għalhekk li dawn il-missjonijiet, li San Alfons tahom sura li ma titħassar qatt u li jien kemm-il darba rrikmandajt f'ħafna dokumenti (10), permezz tagħkom jerġgħu jiksbu qawwa ġdida għall-ġid tal-Knisja. Fil-predikazzjoni missjunarja tagħkom u f'kull ħidma oħra ta' appostolat, fittxu dejjem li tieħdu ħsieb b'mod speċjali ta' dawk il-veritajiet li dejjem kienu għall-qalb ulied San Alfons: *l-erba' Novissimi*, jiġifieri l-aħħar erba' ħwejjeġ li tridu tħabbru llum b'mod adatt għall-mod kif iħossu n-nies ta' llum: l-imħabba kollha ħniena ta' Alla l-Missier *"għani bil-ħniena"*; il-fidwa sħiħa miksuba minn Kristu, *il-Feddej tal-bniedem;* l-interċessjoni tal-Verġni Marija, avukata u medjatriċi tagħna; u fl-aħħarnett il-ħtieġa tat-talb biex tinkiseb is-saltna tas-sema u jiġi evitat it-telfien ta' dejjem.

*L-istudju u t-tagħlim tal-morali:* kulħadd jaf kemm hi importanti t-teoloġija morali għaż-żminijiet tagħna. Il-Konċilju Vatikan II dan irrikmandah bil-qawwa kollha: "Għandu jingħata ħsieb speċjali għat-tiġdid tat-teoloġija morali, ħalli t-tifsir xjentifiku tagħha, imsaħħaħ sewwa mit-tagħlim tal-għan ewlieni. Għoġbitni d-deċiżja, sens imwettaq minn mijiet ta' snin. Kellu sens kbir tal-Knisja u dan is-sens mexxih kemm fl-istudju tat-teoloġija u kemm fil-ħidma pastorali tiegħu, b'mod li sar qisu li-stess leħen tal-Knisja. Ma nistgħaġbux għalhekk jekk kellu venerazzjoni kbira għal Papa u bid-dieher iddefenda l-primat u l-infallibiltà tal-Papa fi żminijiet mill-aktar iebsin għall-Knisja. Madankollu dejjem wera tul ħajtu kollha, u b'qawwa kbira, id-devozjoni tiegħu lejn il-Papa.

*San Alfons bħala Fundatur tar-Redentoristi*

Ta' min igħid issa xi ħaġa dwar San Alfons bħala *fundatur ta' Kongregazzjoni Reliġjuża.* Bħala qaddis, Isqof, duttur hu tal-Knisja kollha, bħala fundatur iħares b'mod speċjali lejn uliedu. Jaqbel għalhekk, minn fost ħafna ħwejjeġ, nagħżlu tlieta li għandhom iqanqlu lir-Redentoristi kollha ħa jkunu jixbħuh.

L-ewwel ħaġa: jeħtieġ li r-Redentoristi jkunu dejjem *qrib il-poplu.* Il-Kongregazzjoni tinsab imxerrda mad-dinja kollha, għalhekk il-ħidma fost in-nies li kien l-għan ewlieni ta' San Alfons, għandha tibqa' sejra bil-ħeġġa kollha, skond il-ħtiġijiet ta' kull żmien u ta' kullimkien. Din il-ħidma, b'mod speċjali, għandha tkun favur dawk l-aktar umli u l-aktar sempliċi, li aktarx huma wkoll l-aktar fqar.

Jeħtieġ mela li l-Kongregazzjoni tagħkom, issa u għal li ġej, tkompli b'dan il-għan pastorali tagħha, u żżommuh dejjem bħala Iskrittura, juri kemm hi għolja s-

sejħa ta' l-insara fi Kristu u d-dmir li għandhom li jagħtu frott ta' mħabba għall-ħajja tad-dinja" (11). "Il-ġid tal-bniedem hu li *jkun* fil-verità u *jagħmel* il-verità. Din ir-rabta essenzjali bejn il-verità, il-ġid u l-libertà nistgħu ngħidu li ntesiet għal kollox mill-kultura ta' żmienna, għalhekk għandu jitqies bħala dmir ewlieni tal-Knisja li twassal mill-ġdid il-bniedem ħa jagħraf din ir-rabta, għas-salvazzjoni tad-dinja kollha" (12).

It-tieni mitt sena mill-mewt ta' San Alfons tidher okkażjoni tajba biex b'ħeġġa mġedda, wieħed jagħti ruħu għal dan il-għan, u jfittex jilħqu qabel kollox, fid-dawl tal-qagħda ġdida tal-kultura tas-soċjetà ta' llum, bl-istess mod meqjus u bl-istess sens ta' fidi, li bihom San Alfons dejjem mexa fil-ħidma tiegħu bħala mgħallem u bħala ragħaj. Is-Santa Sede, għax hu dmir tagħha, mhux se tonqos, li, fil-ġejjieni qrib, tagħti tagħrif xieraq, aktar fit-tul u aktar fil-fond, dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sisien stess tat-teoloġija morali.

Il-ħajja ta' llum qed iġġib problemi ġodda, li m'hijiex ħaġa ħafif li ssibilhom tarf. Iżda ma għandna ninsew qatt li fid-direzzjoni spiritwali tal-insara u fil-ministeru tat-tagħlim, ma għandna qatt inwarrbu fil-ġenb, imma għandna dejjem inħarsu bħala kriterju fondamentali l-Kelma ta' Alla, kif imfissra lilna mill-Maġisteru tal-Knisja. Imbagħad, fil-ħidma pastorali tagħna, għandha dejjem tmexxina t-tjieba, skond it-twissija tal-Papa Pawlu VI: "Sinjal mill-aqwa tal-imħabba għall-erwieħ hu li ma tnaqqas xejn mit-tagħlim ta' Kristu għas-salvazzjoni; iżda dan jeħtieġ li jkun imsieħeb ma' dak is-sabar u ma' dik l-imħabba li l-Feddej uriena dejjem fl-imġiba tiegħu mal-bnedmin". (13). Din l-Ittra Appostolika li qiegħed nibgħat f'jum il-mitejn sena tal-mewt ta' San Alfons, trid turi jien x'naħseb u x'inħoss dwar dan il-Qaddis li kien mgħallem ta' l-għerf u missier fil-fidi.

Jiena u nwassal l-kelma tiegħi lil ulied kollha ta' San Alfons, imxerdin mad-dinja, nixtieq infakkar x'kienu jkunu x-xewqat ta' dan il-missier għall-wirt tiegħu, li hu l-Kongregazzjoni li hu waqqaf. Huma x-xewqat li San Alfons wera tul ħajtu, fil-ħidma pastorali tiegħu, f'kull ma kiteb: fedeltà lejn Kristu u l-Evanġelju tiegħu, fedeltà lejn il-Knisja u lejn il-missjoni tagħha fid-dinja, fedeltà lejn il-bniedem u lejn żmienna, fedeltà lejn il-karizma tal-Istitut tiegħu.

Imxu dejjem fuq il-passi tar-Redentur, li tiegħu ġġibu l-isem, u titbegħdu qatt minn dan il-għan, la fil-ħajja u lanqas fil-ħidma tagħkom, kif San Alfons stess fisser: "Imxu fuq l-eżempju tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu intom u xxandru l-Kelma ta' Alla lill-foqra. Hu qal: "Bagħatni nxandar il-bxara t-tajba lill-foqra" (14).

Il-Kongregazzjoni tagħkom, tul il-mitejn u ħamsin sena tagħha, tat lill-Knisja għadd ta' qaddisin, li nieħu pjaċir infakkar: San Ġeraldu Majella (1726-1755), ajk redentorista; San Klement Marija Hofbauer (1751-1820), li din is-sena stess fakkart il-mitejn sena

tal-miġja tiegħu fil-Polonja f'ittra tiegħi fl-okkażjoni tal-festi li saru f'Varsavja mill-10 sas-17 ta' Mejju, 1987 (15); San Ġwann Nepomucenu Neumann (1811-1860); il-Beatu Pietru Donders (1809-1887), li jien stess ibbeatifikajt.

Jalla l-eżempju ta' San Alfons u ta' l-aħjar fost uliedu li l-Knisja tagħraf bħala Qaddisin tagħha, iqawwu fikom il-ħerqa għall-perfezzjoni fil-qdusija.

Ferħan għaliex stajt nissieħeb magħkom u mal-Knisja fiċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieh San Alfons, b'din l-ittra tiegħi, minn qalbi nagħti lilek, lill-ulied kollha ta' San Alfons, lis-sorijiet redentoristi, u l-familja alfonsjana kollha l-barka appostolika tiegħi, rahan ta' kull ġid mis-sema.

Mill-Vatikan, fl-1 ta' Awissu, 1987, fid-disa' sena tal-pontifikat.

*IOANNES PAULUS PP. II.*

---

NOTI:

1. A.M. Tannoia, **Della vita ed istituto del venerabile servo di Dio Alfonso Maria Liguori, vescovo di Santa Agata dei Goti e fondatore della Congregazione dei Preti missionarii del Ss. Rendentore**, III, p.88.

2. S. Alphonsus M. De Liguori, **Theologija Moralis**, 11, Roma 1907, p.53. Ta' min iżomm quddiem għajnejh dak li San Alfons iżid jikteb minnufih: "Kif innota sewwa San Antnin, meta kien qed jiddiskuti xi egħmil għandux jiġi kundannat bħala dnub mejjet jew le, kiteb hekk: fil-każ li ma għandniex l-awtorità ċara tal-Iskrittura, jew id-deċiżjoni tal-Knisja, jew ma hemmx xi raġuni għal kollox ċara, ebda egħmil ma nistgħu 'nikkundannawh bħala dnub mejjet jekk mhux b'riskju kbir tagħna stess".

3. S. Alfons, **Del gran mezzo della preghiera e opuscoli affini**, Opere ascetiche II, Ruma 1962, p. 171.

4. S. Alfons, **Pratica di amar Gesù Cristo e opuscoli sull'amor divino**, Opere ascetiche I, Ruma 1933, pp. 1-4.

5. **Piu IX Acta**, V (1869-1871) p. 337.

6. Ara ittra appost. **Consueverunt omni tempore**, AAS 42 (1960) pp. 596-7.

8. Piju XII, ittra awtografa għall-edizzjoni ġdida tal-kitba ta' San Alfons: **Spicilegium historicum Congregationis SS. Fedemptoris**, I (1963) fasc. 1-2, p. 247.

8. A.G. Roncalli, **Il giornale dell'anima**, Ruma 1964, p. 462.

9. A. Luciani, **San Alfonso cent'anni fa fu proclamato dottore della Chiesa**, Lettera al presbiterio di Venezia per il Giovedi Santo del 1972.

Meta l-Ġnus Magħquda għażlu bħala suġġett ta' Jum it-Turiżmu l-iżvilupp u l-progress, urew il-fiduċja tagħhom fl-industrija turistika bħala mezz biex jiġi 'l quddiem l-iżvilupp ekonomiku. Huma ħafna l-oqsma li fihom it-turiżmu jista' jġib 'l quddiem dan l-iżvilupp: it-turiżmu joħloq ħafna oqsma ta' xogħol u hekk jeħles ħafna nies, speċjalment, żgħażagħ, mill-flaġell tal-qagħad u/jew tal-emigrazzjoni; iġib 'il quddiem ix-xogħol tan-nies tas-snajja u xi kull tant ma jħallihx jispiċċa fix-xejn għax jiftaħ suq tajjeb għal dan ix-xogħol u ħafna snajja tradizzjonali ma jispiċċawx fix-xejn; is-sengħa tal-bini tieħu ħajja ġdida bil-bini ta' lukandi u ta' faċilitajiet oħra għat-turisti; il-biedja titjieb mhux biss għax tipproduċi aktar għall-ikel imma tfittex tipproduċi prodotti aħjar li jsibu suq fost it-turisti; it-turiżmu jitlob infrastrutturi l-ewwelnett fuq il-livell tal-bniedem, u mbagħad ukoll fuq il-livell tal-fidi ta' dawk li jemmnu. Bħal Kristu li, meta ra l-folol li kienu sejrin warajh, tħassarhom għax kienu qishom nagħaġ bla ragħaj (ara Mt. 9, 36) il-Knisja turi l-ħerqa tagħha ta' omm, iddawwalhom u tmexxihom, għaliex it-turiżmu, bl-oqsma kollha tiegħu ta' dwal u dlamijiet, huwa okkażjoni liema bħalha għall-evanġelizzazzjoni u l-katekeżi. Jekk dan il-fenomenu ta' nies igħin għall-iżvilupp u jkun ta' ġid tassew għall-familja kollha tal-bnedmin, għandna dejjem niftakru li t-turiżmu hu għall-bniedem u mhux il-bniedem għat-turiżmu. (Ara Ġwann Pawlu II *On the move* n. 28 pp. 9-12).

## ITTRA PASTORALI

### MILL-E.T. MONS. ĠUŻEPPI MERCIECA, ARĊISQOF TA' MALTA U MONS. NIKOL CAUCHI, ISQOF TA' GHAWDEX

### FESTA TA' SANTA MARIJA MTELLGHA S-SEMA, 1987

Waslet għal darb'oħra l-festa ta' Santa Marija, u għal darb'oħra Malta kollha qed tifraħ u tagħmel festa. Din is-sena l-festa ta' Santa Marija għandha tifsira u messaġġ speċjali għalina għaliex hija s-Sena Marjana mnedija mad-dinja kollha mill-Papa Ġwann Pawlu II.

Il-ferħ tal-festa ta' llum ikun f'qalbna daqskemm aħna nifhmu min hi u x'inhi Marija għalina. Għall-grazzja t'Alla, Marija dejjem kellha post importanti fil-qalb u fil-familji ta' ħafna Maltin. Nafu li l-poplu Malti dejjem sab il-kenn u l-ħarsien ta' Marija fit-tiġrib kollu li għadda minnu matul iż-żmenijiet. Ta' dan, il-poplu Malti dejjem wera mħabba kbira lejn Marija, tant li aħna nħarsu lejha u nsejħulha bħala OMM IL-MALTIN.

Madankollu, l-imħabba tagħna lejn Marija ma tistax tieqaf fil-ħafna suriet ta' devozzjoni. Din is-Sena Marjana tħeġġiġna biex barra d-devozzjoni — li għandha tkun dejjem taqbel ma' l-ispirtu tal-fidi — aħna nkunu nafu iktar min hi Marija. Dan nagħmluh mhux biss biex inkabbru t-tagħlim tagħna iżda biex nifhmu iktar il-ħajja tagħha u nimitawha.

Il-Konċilju Vatikan II, kif ukoll il-Papiet, anki dawk riċenti, bħall-Papa Pawlu VI u Ġwann Pawlu II, ifakkruna li Marija hija Omm Alla u fl-istess ħin omm tagħna l-bnedmin.

Aħna nifirħu meta nafu li Marija hija preżenti b'mod uniku fil-ġrajja tagħna. Marija, kif tgħidilna l-festa ta' llum, wara li temmet il-ħajja tagħha fuq din l-art, ġiet mgħollija bir-ruħ u bil-ġisem maġenb binha fil-glorja.

Fl-istess ħin, Marija ma nqatgħetx minna: Ġesù minn fuq is-salib tana l-aħħar rigal tiegħu billi tana lill-ommu stess bħala omm tagħna. Nafu li Marija laqgħet bil-ferħ li aħna nkunu uliedha u aħwa ta' binha Ġesù. Marija mtellgħa s-sema dejjem tieħu ħsiebna u tidħol fin-nofs għalina. Kif igħallimna l-Papa Ġwann Pawlu II, Marija tidħol bejn binha Ġesù u l-bnedmin mhux bħala xi waħda barranija iżda bħala Omm li taf x'inhuma t-tbatijiet u l-ħtiġijiet tagħna.

Marija hija mtellgħa fis-sema. Madankollu hija timxi magħna fil-ħajja tagħna ta' kuljum b'ħerqa kbira li tgħinna fil-ħtiġijiet tagħna u fil-mixja tagħna lejn Alla. Hija titlob għall-bnedmin, iżda fl-istess ħin li titlob, Marija, bħalma għamlet fit-tieġ ta' Kana, turi wkoll ix-xewqa tagħha lil binha Ġesù biex juri s-setgħa u l-qawwa tiegħu ta' sid il-ħolqien u jgħinna fid-diffikultajiet u t-tiġrib tagħna u jeħlisna minn kull xorta ta' deni li jtaqqal ħajjitna.

Marija mtellgħa s-sema hija bħall-kewba tal-baħar li timxi dejjem l-ewwel quddiemna fit-triq tagħna lejn Alla. Bil-ħajja tagħha Marija tgħal-

limna li aħna rridu ngħaddu l-istess triq li għamlet hi. Il-ħajja tagħha kienet ħajja ta' fidi, ta' għaqda sħiħa mar-rieda ta' Alla. Marija emmnet u ttamat kemm meta ma fehmitx ir-rieda ta' Alla kif ukoll meta ma kien hemm ebda tama. Mit-tħabbira ta' l-Anġlu, Marija bdiet mixja ta fidi sħiħa t'Alla billi ntelqet f'idejn Alla, dejjem u bla kundizzjoni. Din il-fidi tagħha għenitha biex tagħmel dejjem kulma Alla talab minnha, u setgħet issejjaħ lilha nfisha "il-qaddejja tal-Mulej". Fil-fatt, il-glorja ta' Marija hija r-rabta u l-fedeltà sħiħa tagħha mar-rieda t'Alla

Iktar ma nifhmu min hi Marija iktar inħossu l-imħabba tagħna lejha. Iżda l-isbaħ mod kif aħna nuru l-imħabba tagħna lejha huwa billi nimitawha. Bħal kull omm, Marija tieħu gost li uliedha joħorġu jixbħuha. U biex insiru nixbhu lil Marija jeħtieġ li aħna nagħtu lil Alla l-ewwel post fil-ħajja tagħna, nintelqu b'fiduċja sħiħa f'idejh u nagħmlu bil-qalb ir-rieda tiegħu kif għallimna Ġesù.

Aħna nkunu nafu li qed nimitaw lil Marija:—

— meta nkunu kapaċi ngħidu lilna nfusna li aħna qed insibu ħin biżżejjed għat-talb ta' kuljum, bħal ma kienet issib Marija;

— meta aħna nibdew inħarsu lejn il-proxxmu tagħna bħalma Marija tħares lejh;

— meta aħna nkunu kapaċi naħfru lill-oħrajn bħalma Marija ħafret taħt is-salib ta' binha;

— meta aħna nkunu kapaċi nintelqu b'fidi f'idejn Alla, anki fil-mumenti diffiċli tal-ħajja tagħna;

— meta aħna, bħal Marija, indaħħlu lil Ġesù fl-ambjenti kollha li ngħixu fihom.

Huwa bil-mod kif aħna nimitaw lil Marija li nistgħu nuru tassew l-imħabba tagħna lejn Marija. Nitolbu għalhekk lil Marija l-grazzja li nikbru f'din id-devozzjoni sinċiera u ħajja lejha, biex fil-familji tagħna u f'pajjiżna ssaltan dejjem il-preżenza u l-paċi ta' binha Ġesù.

Nirrikmandaw b'mod speċjali t-talba tar-Rużarju fil-familji tagħna, ħaġa li talbithielna Marija stess meta dehret f'Lourdes. Nirrikmandawlkom ukoll, f'din l-okkażjoni tas-Sena Marjana, il-Konsagrazzjoni tal-familji tagħna lil Ġesù u Marija.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta

†Nikol Cauchi
Isqof ta' Għawdex

## MESSAĠĠ TA' L-ISQFIJIET DWAR IL-MARDA TA' L-AIDS

Kif nafu anke f'Malta daħlet il-marda ta' l-AIDS, marda qerrieda li qed tinkwieta lil kulħadd minħabba li bosta drabi tfisser mewt żgura għal min jeħodha.

X'għandha xi tgħid il-Knisja quddiem din il-marda?

Bħala nsara aħna ma nistgħu qatt, anzi nagħmlu ħażin, meta niġġudikaw u nikkundannaw lil min jintlaqat minn din il-marda. Ġesù jgħallimna li għandna nħobbu lil marid u ngħinuh b'kull mod bla ebda kundizzjoni. L-istess imħabba u għajnuna għandna nagħtu lill-familjari ta' min jintlaqat mill-marda, għax ħafna drabi huma wkoll ibatu ma' min ikun marid.

Fl-istess ħin il-Knisja ma tistax ma tfakkarx li din il-marda tista' tkun f'diversi każi mill-konsegwenza ta' ħajja diżordinata, ħajja li tkun warrbet il-Liġi ta' Alla. U għalhekk, ir-rimedju għal din il-marda mhux sempliċement tagħrif dwar kif tittieħed din il-marda u x'tista' tagħmel jew tuża biex tevita l-infezzjoni.

Ir-rimedju veru biex din il-marda titnaqqas u tinqered huwa l-ħarsien mill-ġdid tal-Liġi t'Alla f'dik li hija l-moralità sesswali. Dan ifisser tiġdid fil-moralità tal-ħajja tagħna. Jeħtieġ nerġgħu ngħixu l-valuri morali li ntefgħu lura fil-ħajja privata u pubblika tagħna. Anzi tkun ħaġa tajba li dan it-tiġdid ikun parti minn programm nazzjonali dwar tagħrif u edukazzjoni fuq il-marda ta' l-AIDS.

Dan it-tiġdid fil-moralità iħeġġiġna nħarsu lejn l-imħabba sesswali bħala rigal li Alla jagħti lil miżżewwġin, imħabba li ssib il-milja tagħha fir-rabta qaddisa, fidila u dejjiema taż-żwieġ, imħabba li tkun dejjem miftuħa għal ħajja u għalhekk nadifa minn kull ogoiżmu.

Dan ifisser li atti sesswali qabel iż-żwieġ jew barra miż-żwieġ, kif ukoll l-użu ta' kontraċettivi jmorru kontra l-Liġi ta' Alla.

It-tiġdid fil-moralità jfakkarna li kulħadd — kleru, lajċi, ġenituri u għalliema, kif ukoll dawk li għandhom responsabbiltajiet fil-ħajja pubblika u politika jew fil-qasam tax-xandir — għandu r-responsabbiltà li jieqaf lill-mentalità li daħlet anke fostna, li fejn jidħol is-sess kollox huwa permess.

Bħala nsara għandna responsabbiltà li nirrispettaw l-iskop li għalih Alla ħalaq is-sess u nagħtu s-sehem tagħna biex nibnu u nsaħħu mentalità li tħares u tgħin il-qdusija taż-żwieġ nisrani. Ġesù jistenna minna l-insara li nkunu d-dawl tad-dinja, il-melħ ta' l-art; huwa jistenna minna, għalhekk, li nkunu aħna li naħdmu biex inġibu 'l quddiem dan it-tiġdid fis-soċjetà tagħna, tiġdid li jrid ikun l-aqwa rimedju kontra din il-marda ta' l-AIDS. L-ebda nisrani ma jista' jibqa' passiv quddiem din is-sitwazzjoni.

It-tiġdid fil-moralità tagħna ma jistax iseħħ mingħajr l-għajnuna ta' Alla. Għalkemm nafu li dak titlob il-Liġi t'Alla mhux faċli, nafu wkoll

li Alla dejjem jagħtina l-għajnuna tiegħu biex inwettquha. Tajjeb għalhekk li nfakkru fil-bżonn kbir tat-talb u speċjalment is-Sagramenti tal-Qrar u ta' l-Ewkaristija.

Ninkoraġixxu lil min ikun jaf li għandu l-marda ta' l-AIDS u lil min ikollu suspett li jista' jkun ta' ħsara għal ħaddieħor, biex jitlob minnufih l-ewwel għajnuna mill-Health Education Unit jew mill-Caritas (Tel. 227935). Kull bniedem għandu d-dmir li jħares saħħtu u s-saħħa tan-nies li jiġi f'kuntatt magħhom fil-qrib.

Illum, 23 ta' Settembru, 1987.

† Ġużeppi Mercieca
*Arċisqof ta' Malta*

† Nikol G. Cauchi
*Isqof ta' Għawdex*

KNISJA KATIDRALI GHAWDEX

## MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF GHAX-XAHAR TA' OTTUBRU

Ix-xahar ta' Ottubru, ix-xahar tar-Rużarju, dejjem kien għażiż għalina l-Maltin, imdorrijin kif konna li kull filgħaxija ninġabru fi ħdan il-familja biex flimkien ngħidu r-Rużarju qabel il-mistrieħ tal-lejl u fix-xahar ta' Ottubru mmorru l-knisja biex flimkien man-nies l-oħra tal-parroċċa ngħidu r-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat.

Ix-xahar ta' Ottubru din is-sena għandu jkun wisq aktar għażiż għalina għaliex għandu jgħinna nidħlu aktar 'il ġewwa fl-ispirtu tas-Sena Marjana li nieda l-Papa nhar Għid il-Hamsin ta' din is-sena; jekk dan iseħħ ir-Rużarju jerġa' jsir għalina l-Maltin dak li kien fl-imgħoddi, it-talba ta' kull filgħaxija fil-knisja ċkejkna li hi kull familja nisranija.

Nidħlu fl-ispirtu tas-sena Marjana jekk ir-Rużarju ngħiduh aħna u nikkontemplaw il-misteri tal-fidwa tagħna u naraw kif għandna ngħixuhom f'ħajjitna. Il-Madonna stess, aħna u ntennulha t-tislima ta' l-Anġlu u nitolbuha tidħol għalina midinbin, turina kif għandna ngħixu fil-ħajja tagħna ta' kuljum il-misteri tal-fidwa tagħna, misteri ta' ferħ, ta' tbatija u ta' glorja. Bħala nsara aħna rridu nimxu l-mixja tal-fidi tagħna f'din id-dinja, u l-Madonna turina, aħna u ngħidu r-Rużarju, kif nistgħu nimxuha magħha u bħalha.

Mat-tħabbira ta' l-Anġlu, Marija bdiet il-mixja tagħha tal-fidi f'rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla: aħna u nikkontemplaw dan il-misteru, ni-

tolbu l-għajnuna ta' Marija biex dejjem nagħmlu dak li Alla jrid minna. Nitgħallmu mbagħad minnha nuru ma' ħutna fil-bżonn dik il-ħerqa li wriet mal-qariba tagħha Santa Elizabetta u nitolbuha li jkollna dik il-qawwa tal-fidi li dejjem mexxietha tul ħajjitha kollha. Magħha nifirħu u nroddu ħajr lil Alla meta, bl-imġiba tagħna, jirnexxilna nwasslu 'l Kristu lill-oħrajn kif ferħet Marija meta tat lid-dinja s-Salvatur fil-lejl tal-Milied; magħha u ma' Binha mbagħad immorru niltaqgħu hija u tippreżentah fit-tempju u nitolbuha biex Binha ma jkunx għalina sinjal li nmeruh, u, jekk xi darba nitilfuh, minħabba dnubietna, kollna mnikkta, magħha nfittxuh fit-tempju tiegħu permezz tas-sagrament tal-maħfra. U kif nissieħbu fil-ferħat ta' Marija, aħna u ngħidu r-Rużarju, hekk għandna nissieħbu wkoll fid-duluri tagħha u t-tbatijiet ta' Binha huwa u jegħreq għaraq ta' demm fl-Ort, huwa u jiġi flaġellat, inkurunat bix-xewk, mgħobbi bis-salib, huwa u jiġi msallab għall-dnubietna. Dnubietna kienu s-sef ta' niket li nifdilha ruħha, imma hi, mogħtija lilna bħala Ommna waqt li kienet f'baħar ta' niket tgħ nna biex aħna u nikkontemplaw it-tbatijiet ta' Binha, nagħmlu l-fehma li nilqgħu bis-sabar it-tiġrib, u s-slaleb, u 'l hemm u n-niket tal-ħajja ta' kuljum, biex intemmu f'ġisimna dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-bini tal-Knisja tiegħu fid-dinja.

Fir-Rużarju Marija turina li t-tbatijiet ta' din id-dinja ma huma xejn ħdejn l-hena li hemm tistennina fis-sema jekk f'din id-dinja ngħixu skond ma jixraq l-isem ta' nsara li nġibu. Kif Kristu qam mill-imwiet u tela' s-sema, hekk aħna għad inqumu mill-imwiet u nidħlu fil-ħajja ta' dejjem: iżda biex dan iseħħ irridu nimxu l-mixja tagħna tal-fidi wara Marija biex fit-tmiem ta' kollox niġu mtellgħin fis-sema bħalha u niksbu l-kuruna tal-glorja li Alla għandu mħejjija għal dawk kollha li fuq l-art għamlu r-rieda tiegħu. Dan nistgħu nagħmluh imwettqin mill-Ispirtu s-Santu li l-Mulej tana fil-Magħmudija u l-Griżma tagħna biex jibqa' magħna bid-doni tiegħu ħa nagħtu xhieda quddiem id-dinja bl-imġiba tagħna tal-fidi li nistqarru bil-fomm.

Ir-Rużarju li ngħidu tul ix-xahar ta' Ottubru, tul ix-xhur kollha tas-sena, għandu jgħinna biex inkunu nsara mhux biss tal-isem imma bil-fatti u tassew. B'dan il-mod biss nuru li aħna devoti ta' Marija, li tassew inħobbu l-Madonna.

Dak li se niksbu mir-Rużarju tul ix-xahar ta' Ottubru se nkomplu nsaħħuh tul is-sena kollha permezz taċ-ċelebrazzjonijiet li se jsiru fid-djoċesi u fil-parroċċi. Jalla kulħadd jagħti sehmu biex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet isaħħu fina l-fidi, iqawwu t-tama, u jwasslu biex ilkoll inkunu xirka waħda ta' mħabba fi Kristu, ħalli f'egħluq is-Sena Marjana, nhar Santa Marija, inkunu nistgħu bis-sinċerità kollha nkantaw lil Alla innu ta' tifħir u radd il-ħajr.

Illum, 21 ta' Settembru 1987, festa ta' l-Appostlu San Mattew.

† Ġużeppi Mercieca
*Arċisqof ta' Malta*

Annetto Depasquale
*Kanċellier.*

## IS-SEGRETARJATI

Bid-Digriet tiegħi tat-3 ta' Diċembru 1986 waqqaft għadd ta' Segretarjati skond kif jitlob il-Pjan Pastorali ta' l-Arċidjoċesi u ħtart jew ikkonfermajt Delegat tiegħi għal kull Segretarjat. Fl-istess Digriet żammejt id-dritt li nagħti regoli u direttivi dwar materji li jkunu meħtieġa jew utli għall-ħajja u ħidma tas-Segretarjati.

Fost dawn il-materji hija ta' importanza kbira li jiġu determinati sewwa l-kompetenza, id-dmirijiet u l-fakoltajiet ġenerali, komuni għad-Delegati tiegħi fis-Segretarjati kollha.

Għaldaqstant b'dan id-Digriet qiegħed nistabilixxi l-kompetenzi, dmirijiet u fakoltajiet ġenerali tad-Delegati għas-Segretarjati kostitwiti bid-Digriet tiegħi tat-3 ta' Diċembru 1986.

Id-Delegat ta' kull Segretarjat, fi spirtu ta' servizz ekklesjali, filwaqt li jħares u jiddefendi l-awtonomija ġusta u jirrispetta u jistimola s-sens ta' inizjattiva ta' kull enti li jaqa' fil-qasam tas-Segretarjat tiegħu, ikollu in ġenerali dawn id-dmirijiet u fakoltajiet, barra minn dmirijiet u fakoltajiet speċjali li jistgħu jingħatawlu minni jew mis-Suċċessuri tiegħi skond il-ħtieġa ta' kull Segretarjat partikolari:

1) Li, waqt li jibqgħu mħarsa l-'policies' djoċesani, jikkoordina u jippromovi l-ħidma fis-settur tas-Segretarjat tiegħu, speċjalment fit-tħaddim tal-Pjan Pastorali ta' l-Arċidjoċesi.

2) Li jgħin fil-formulazzjoni tal-'policies' ta' l-Arċidjoċesi fis-settur tas-Segretarjat tiegħu u jara li jiġu esegwiti.

3) Li jistudja l-qagħda fis-settur tiegħu u jagħmel projezzjonijiet għall-futur u jħejji pjanijiet ta' ħidma fil-qosor u fit-tul kemm fid-dawl tal-Pjan Pastorali kif ukoll ta' pjanifikazzjoni aktar 'il quddiem, biex jiġu sottomessi għall-konsiderazzjoni tagħna.

4) Li direttament jew permezz tas-Segretarju Pastorali jżomm lili u lis-Suċċessuri tiegħi nformati bl-iżviluppi u bil-bżonnijiet pastorali li minn żmien għal żmien iqumu fis-settur tas-Segretarjat tiegħu.

5) Li jikkoopera mad-Delegati tas-Segretarjati l-oħra u jikkoordina l-ħidma tiegħu ma' tagħhom.

6) Li jżomm ruħu nformat tajjeb dwar l-entijiet ekklesjali li jidħlu fl-ambitu tas-Segretarjat tiegħu. Għal dan il-għan ikollu wkoll id-dmir u l-fakoltà:

(a) li jżur perjodikament lil dawn l-entijiet kemm fuq bażi djoċesana kif ukoll fuq bażi parrokkjali u jagħmel relazzjoni dwarhom almenu darba fis-sena;

(b) li jirċievi minn għandhom kull informazzjoni dwarhom li tkun utli għall-ħidma tiegħu fis-Segretarjat, bħal m'huma kopja ta' l-Istatut, l-istorja fil-qosor, fatti, statistika u dokumentaz-

zjoni dwar il-ħajja u l-ħidma ta' dawn l-enti u dwar proġetti u pjanijiet ta' ħidma tagħhom, u partikolarment dwar deċiżjonijiet ta' l-entijiet li jistgħu jolqtu l-ħidma ta' entijiet oħra ekklesjali jew il-'policies' ta' l-Arċidjoċesi.

7) Li jlaqqa' l-Kunsill tas-Segretarjat u jippresjedih sakemm ma jkunx preżenti s-Segretarju Pastorali.

8) Li, fejn iħoss il-ħtieġa, jissuġġerixxi lili u lis-Suċċessuri tiegħi t-twaqqif ta' entijiet ġodda konnessi mal-ħidma fis-Segretarjat tiegħu jew, skond il-każ, jistimola lill-fidili biex jieħdu inizjattivi f'dan ir-rigward.

9) Li normalment u sa fejn jista', għandu hu stess, bi spirtu ta' fraternità u djalogu, u fejn meħtieġ bl-intervent tiegħi u tas-Suċċessuri tiegħi jew tal-Vigarju tagħna, ifittex li jsolvi diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu għall-andament tajjeb jew għall-koordinazzjoni tal-ħidma ta' diversi persuni jew entijiet attivi fil-qasam tas-Segretarjat tiegħu.

10) Li jżomm relazzjonijiet opportuni ma' entijiet affini, ukoll mhux ekklesjali.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 31 ta' Awissu, 1987.

† Ġużeppi Mercieca
*Arċisqof ta' Malta*

Annetto Depasquale
*Kanċellier*

Ċirkulari Nru. 180

## KUNĊERTI FIL-KNEJJES

Dan l-aħħar kiber ħafna n-numru ta' dawk is-Soċjetajiet Kulturali u Mużikali li qegħdin jitolbu lill-Kappillani tal-Parroċċi tagħhom biex jorganizzaw kunċerti fil-Knejjes Parrokkjali jew anki fi Knejjes filjali.

Wara li ġew mistħarrġa l-inkonvenjenti li dawn jistgħu jġibu magħhom il-Kurja fehmet li twaqqaf din l-użanza fejn diġà bdiet; u li ma tħallix li tidħol fejn għad ma ngħata qatt il-każ.

Mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din iċ-Ċirkulari, l-organizzaturi ta' kunċerti mużikali, ta' 'pageants' u ta' kull xorta ta' esibizzjoni kemm fil-Knisja kif f'ambjenti li jservu għall-ħidmiet pastorali tiegħu jkunu biss il-Kappillani mal-Presbiterju tiegħu.

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 12 ta' Awissu, 1987.

Anetto Depasquale
Kanċellier

Vigarju Ġenerali
Carmelo Xuereb

Ċirkulari Nru. 181

## IL-FESTA TA' L-ARĊISQOF

Nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru, Monsinjur Arċisqof jiċċelebra t-tlettax-il anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu.

Bħala nsara Maltin, f'Monsinjur Arċisqof aħna lkoll fdi-dmir li naraw il-Missier Spiritwali, mogħti lilna mill-Provvidenza, kemm biex jara li t-teżor tal-Fidi Nisranija li ppriedkalna l-Appostlu jibqa' mingħajr mittiefes kif ukoll biex, bil-għaqal tal-kelma u tat-tmexxija tiegħu, jiggwidana filmixja tagħna lejn is-Sema Pajjiżna.

Dan iġagħalna nuruh dejjem lealtà ta' wlied u niftakru fih fit-talb tagħna ta' kuljum. Iżda dan id-dmir għandna nħossuh aktar u aktar fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-anniversarju ta' l-Ordinazzjoni tiegħu episkopali.

B'dan l-iskop, bħal fis-snin ta' qabel, qegħdin nistidnukom biex tinġabru madwaru għall-quddiesa ta' ringrazzjament li Monsinjur Arċisqof sejjer jikkonċelebra mal-Kapitlu tal-Kattidral u ma' dawk is-saċerdoti li jkunu ħielsa minn dmirijiet oħra pastorali **fil-Knisja Konkattedrali ta' San Ġwann, nhar il-Ħadd, 27 ta' Settembru fil-5.30 p.m.**

Il-ħsieb li ġagħalna nagħżlu li dil-quddiesa tiġi ċelebrata jumejn qabel is-soltu hu li ftit wara Monsinjur Arċisqof sejjer ikollu jħalli Malta biex jieħu sehem fis-Sinodu tal-Isqfijiet li sejjer jistudja u jqiegħed quddiem il-Qdusija Tiegħu l-Papa l-esperjenzi tal-Konferenzi Episkopali taddinja kollha dwar "Is-sejħa tal-Lajċi fil-Knisja u fid-dinja".

Is-suġġett tas-Sinodu hu ta' mportanza pastorali ewlenija. Minnu hi mistennija tqanqila aqwa fost il-lajċi kollha biex iżidu fil-ħidma tagħhom għat-tisħiħ tas-Saltna ta' Kristu fid-dinja. Dan iqanqalna biex il-quddiesa li għaliha qegħdin nistidnukom biex tattendu fis-27 ta' Settembru nieħdu sehem fiha bl-akbar ħerqa ħalli nitolbu lill-Mulej għall-Isqof tagħna u għall-Isqfijiet tas-Sinodu biex, mogħnijin bid-dawl tal-Mulej, iwettqu l-ħidma tagħhom għall-akbar ġid tal-Knisja ta' żmienna.

Nhar id-29 ta' Settembru fil-Knejjes sagramentali kollha, fejn issir aktar minn Quddiesa waħda, fil-ħin l-aktar adatt għan-nies, għandha titqaddes il-Quddiesa għall-Anniversarju tal-Ordinazzjoni tal-Isqof (Sagramentarju Malti p. 878, bil-qari mil-Lezzjonarju għall-festi tal-Qaddisin u għall-Quddies ritwali u Votiv paġ. 501, bil-Glorja, Talba tal-Fidili paġ. 223 tal-Vol. I tat-Talbiet tal-Fidili). Fit-talba tal-Fidili tal-Quddies kollu dak innhar paġ. 153 ta' l-istess Volum, tiżdied bħala l-ewwel invokazzjoni dik li hemm paġ. 253.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum, 15 ta' Settembru, 1987.

Anetto Depasquale
Kanċellier

Carmelo Xuereb
Vigarju Ġenerali

## NOMINI ĠODDA

Mons. Philip Calleja, Kanċellier.
Dun Edgar Attard, Segretarju Amministrattiv.
Sur A.P. Farrugia, Deputat Segretarju Amministrattiv.

Ċirkulari Nru. 183

## INVESTITURI TA' ORDNIJIET KAVALLERESKI

Billi dan l-aħħar qiegħed jikber in-numru ta' dawk l-Ordnijiet Kavallereski li jeżistu fil-Gżira biex iżommu ċ-ċeremonja tal-investitura f'xi knisja, din il-Kurja trid tgħarraf li ebda investitura ta' Kavallieri ma tista' ssir fil-knejjes ta' l-Arċidjoċesi jekk l-Ordni involut ma jkunx rikonoxxut uffiċjalment mis-Santa Sede.

Il-Kappillani u s-Superjuri tal-Ordnijiet Reliġjużi huma wkoll mgħarrfa li dawn ma jistgħux jiġu mistiedna biex jieħdu sehem f'purċissjonijiet u f'funzjonijiet oħra tal-Knisja bl-abitu kavalleresk.

Is-saċerdoti djoċesani u r-reliġjużi kemm irġiel kif ukoll nisa ma' għandhomx isiru membri ta' ordnijiet kavallereski jekk mhux in konformità man-normi tas-Santa Sede u bil-permess ta' l-Ordinarju.
Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 29 ta' Settembru 1987, festa ta' San Mikiel Arkanġlu.

Ph. Calleja
*Kanċellier*

Can. C. Xuereb
*Vigarju Ġenerali*

Eżempju ta' omelija

## IL-31 ĦADD TAS-SENA

## IL-QADDISIN KOLLHA

### Min huma l-Qaddisin

Il-Knisja tistedinna llum biex nifirħu fil-Mulej u nfaħħruh għalenija għall-kotra kbira ta' ħutna fi Kristu li għaddew mit-taħbit ta' din il-ħajja u issa jinsabu ma' dwar il-Mulej fis-sema jagħtuh ġieh u jfaħħruh għal dejjem ta' dejjem: huma dik il-kotra kbira minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien li ra San Ġwann fid-dehra li kellu u li ġiet imħabbra lilna fl-ewwel qari tal-Quddiesa.

Kienu nies bħalna, għaddew mill-istess tiġrib tagħna, xi wħud minnhom għexu wkoll għal xi żmien 'il bogħod minn Alla; kienu minn kull qasam tal-ħajja tad-dinja, isqfijiet u saċerdoti, patrijiet u sorijiet, professjonisti u ħaddiema, għorrief u m'humiex, qalbenin u dgħajfa, żgħażagħ u xjuħ, magħrufin minn kulħadd u ma jafhom ħadd, nies ta' kull sura u ta' kull xorta, ta' kull żmien u ta' kull imkien — imma lkoll kienu jaqblu f'ħaġa waħda: kienu nies li fittxu wiċċ Alla u għarfu b'liema mħabba ħabbna l-Missier li riedna bħala wliedu u għalhekk fittxew li jgħixu bħala wlied Alla, bit-tama li meta jasal il-waqt jaraw 'l Alla kif inhu.

### Id-dmir li nkunu qaddisin

Bħalhom nistgħu nkunu jekk nitgħallmu mill-eżempji ta' ħajjithom; imqawwijin bit-talb tagħhom għalina nistgħu naqbdu t-triq li għandna quddiemna, it-triq li minnha huma wkoll għaddew, biex bħalhom niksbu l-kuruna tal-glorja li Alla għandu mħejjija fis-sema għal kull min jagħmel ir-rieda tiegħu. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar din hi l-qdusija: li tagħmel ir-rieda ta' Alla. "Hawn jien ġej nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla", qal Ġesù lill-Missier qabel ġie fid-dinja, u bl-ubbidjenza tiegħu għar-rieda tal-Missier sar awtur tas-salvazzjoni tagħna. Biex inkunu qaddisin ma hemmx għalfejn nagħmlu egħġubijiet kbar, penitenzi ħorox, ċaħdiet tal-biża': biżżejjed nagħmlu dak li Alla jrid minna, biżżejjed nilqgħu kollox minn idejn Alla bħalli kieku r-rieda tiegħu għalina. Dan irid Ġesù minna lkoll, meta igħidilna biex inkunu qaddisin kif hu qaddis Missierna li hu fis-smewwiet. L-istedina għall-qdusija hi għalina lkoll.

### Kif insiru qaddisin

X'irridu nagħmlu biex inkunu qaddisin? X'irid Alla minna? Qalulna Ġesù fl-Evanġelju ta' llum. Inkunu qaddisin jekk inkunu fqar fl-ispirtu: il-faqar fl-ispirtu hu l-bidu u l-pedament ta' kull qdusija. Min hu fqir fl-ispirtu ma jfittixx il-ġlied, jevita l-inkwiet, iħabrek għas-sliem u l-paċi u l-għaqda, u jfittex li jagħmel kollox skond il-verità u l-ġustizzja; min hu fqir fl-ispirtu jaf jagħder lil min jiżbalja, jaf iħenn għal min hu mġarrab, u ma jħalli xejn iniġġislu s-safa ta' qalbu u ta' ħsibijietu. L-imġiba ta' min hu fqir fl-ispirtu hi ċanfira għan-nies tad-dinja, li għalhekk jobgħoduh u

jmeruh u jippersegwitawh minħabba l-ġustizzja tiegħu. Hajja bħal din tal-faqar fl-ispirtu hi ġenn u bluha għan-nies tad-dinja: imma għalina li nemmnu hi r-rieda ta' Alla, hija t-triq tal-qdusija. Din it-triq ma nimxuhiex waħedna għax għandna l-għajnuna tal-grazzja ta' Alla, għandna l-għajnuna tat-talb tal-qaddisin kollha, tal-ġemgħa glorjuża tal-Appostli, tal-għadd sabiħ tal-profeti, tal-qtajja tal-martri rebbieħa, tal-ġemgħa tal-verġni agħrajjes ta' Kristu, tal-kotra ta' dawk li qdew 'l Alla bħala ministri tiegħu, u ta' dawk li qdewh moħbijin mid-dinja f'ħajja ta' talb u penitenzi għal ħuthom fid-dinja, ta' dawk kollha li quddiem it-tron ta' Alla bla heda jtennu: "Is-salvazzjoni nafuha lil Alla tagħna: lilu tifħir u glorja, għerf, radd il-ħajr u ġieh, qawwa u saħħa għal dejjem ta' dejjem. Amen".

## TALBA TAL-FIDILI

Missier Qaddis, int il-ferħ u l-hena tal-qaddisin kollha tiegħek. Ilqa' dan it-talb tagħna sabiex flimkien magħhom aħna wkoll infaħħruk u nagħtuk glorja għaliex Int waħdek il-Qaddis.

Mulej, il-knisja kollha llum qegħda tifraħ bil-membri kbar tagħha li ġa waslu fid-dar tiegħek ta' dejjem; agħmel li dan il-ferħ igħinna tirbaħ kull tfixkil u taħbit li tiltaqa' miegħu fuq din l-art. Nitolbu.

Mulej, Int imħabba u ħlaqtna biex inħobbu; ieqaf mal-bnedmin kollha sabiex jagħrfu l-kobor ta' din is-sejħa biex minn issa kull bniedem iduq dak li sa minn dejjem ħejjejt għalih fis-sema. Nitolbu.

Mulej, bil-magħmudija aħna sirna wliedek u werrieta tal-ġenna; agħmel li nifhmu l-kobor ta' din is-sejħa u li kull waqt ta' ħajjitna nićħdu d-dnub biex ngħixu kif jixraq bħala wliedek.

Mulej, agħmel li bħall-qaddisin tiegħek nagħrfu nġorru f'ġisimna s-sinjal tas-salib ta' l-Iben il-waħdieni tiegħek sabiex flimkien magħhom nithennew bik għal dejjem. Nitolbu.

Mulej, jekk tal-ħtijiet Int tagħti każ min jista' jżomm sħiħ quddiemek; ħenn (għall-qaddej tiegħek N. u) għall-qaddejja tiegħek li raqdu fis-sliem miegħek u fil-ħniena u fl-imħabba tiegħek agħmel li jarawk wiċċ imb'wiċċ għal dejjem. Nitolbu.

Hares lejna, Mulej, u saħħaħ fina l-fidi, it-tama u l-imħabba ħalli fost dan it-tiġrib kollu li niltaqgħu miegħu kuljum, qlubna jibqgħu sħaħ marbuta mieglek ħalli jkunu sehem fix-xirka tal-qaddisin tiegħek. Bi Kristu Sidna.

## IT-32 HADD TAS-SENA

## IL-LAQGHA MA' L-GHARUS TA' RUHNA

**In-Novissmi**

Aħna u noqorbu lejn it-tmiem tas-sena liturġika, il-Knisja tistedinna naħsbu ftit dwar it-tmiem ta' ħajjitna u dwar it-tmiem ta' kollox, għaliex jiswa ħafna għalina li xi kull tant niftakru li hawn fid-dinja ma għandniex għamara għal dejjem, li għalina għad trid tgħaddi s-sura ta' din id-dinja, u rridu nidhru quddiem Alla biex nagħtu kont tal-ħajja kollha tagħna f'din id-dinja ħalli jkollna l-premju tal-ħajja ta' dejjem jekk tul ħajjitna għexna bit-tama tad-dehra tal-Mulej fil-glorja, jew il-kastig ta' l-infern fin-nar ta' dejjem jekk ħajjitna fid-dinja kienet kollha kemm hi ċaħda tal-imħabba ta' Alla u ta' għajrna.

Jekk aħna nemmnu li Kristu miet u rxoxta għalina u ngħixu skond ma nemmnu, meta Ġesù jerġa' jiġi biex jagħmel ħaqq mid-dinja, ma għandniex għax nibżgħu: Kristu jiġi biex idaħħalna miegħu fil-glorja ta' dejjem. San Pawl iħeġġiġna biex infarrġu lil xulxin b'dan il-ħsieb, għax kien jaf, li t-tmiem ta' ħajjitna f'din id-dinja, it-tmiem ta' kollox, ftit jew wisq dejjem iħassibna.

**Kif inħejju ruħna għal meta jiġi l-Mulej**

Infarrġu 'l xulxin bil-ħsieb li meta tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja nkunu mal-Mulej għal dejjem, jekk inkunu mħejjijin biex nilqgħu l-Mulej, meta jiġi biex isejħilna għal għandu. Dan igħidulna Ġesù stess bil-parabbola ta' l-għaxar xebbiet, li ħamsa minnhom kienu bil-għaqal u ħamsa kienu boloh. X'nitgħallmu minn din il-parabbola? L-għarus huwa Ġesù; l-għaxar xebbiet huma aħna lkoll li ġejna mistiedna għall-ikla tat-tieġ tal-Haruf, ikla li sseħħ fil-milja tagħha fis-saltna tas-sema, imma li tagħha għandna ħjiel bit-tisħib tagħna fl-Ewkaristija mqaddsa.

Nidħlu għat-tieġ tal-Haruf fil-ħajja ta' dejjem, jekk l-imsiebaħ tagħna jkunu jiddu meta l-Mulej jiġi biex idaħħalna għall-festa tat-tieġ tiegħu fis-sema; u l-imsiebaħ tagħna jkunu jiddu jekk ikollhom iż-żejt fihom. Dan x'ifisser? Nidħlu fil-hena ta' dejjem jekk inkunu ħaddanna l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema, għerf li jiddi bla ma qatt inemnem; u l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema huwa l-ħarsien tal-liġi ta' Alla, liġi li ma għandniex għalfejn immorru 'l bogħod biex insibuha, lanqas għandna għalfejn nitħabtu ħafna biex nitgħallmuha, għax tinsab miktuba fi qlubna, u hemm il-Knisja li tgħallimielna u tfissirhielna. Il-ħarsien tal-liġi ta' Alla m'hijiex xi ħaġa tqila — it-toqol tagħha ħafif — għaliex Alla jgħinna bil-grazzji tiegħu biex inħarsuha.

Fi kliem ieħor, jekk aħna tul ħajjitna kollha nfittxu li nagħmlu dejjem dak li hu sewwa u xieraq quddiem Alla, jekk ngħixu fl-imħabba ta' xulxin, jekk inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u minn kull xorta ta' ħa-

żen, jekk infittxu li jkollna l-istess sentimenti li kellu Ġesù u nuru tjieba, ħniena u mogħdrija ma' kulħadd, meta l-Mulej jiġi, isibna lesti nistennewh, bl-imsiebaħ tal-egħmejjel tajba tagħna jiddu f'idejna.

Jekk aħna, għax inħossu ruħna f'saħħitna, ftit naħsbu dwar it-tmiem ta' ħajjitna fid-dinja u nħallu għall-ġejjieni biex nibdew nimxu sewwa quddiem Alla, inkunu nixbhu x-xebbiet boloh tal-parabbola li ma ħadux żejt fil-kwies tagħhom, u meta ġie l-għarus baqgħu barra u ma daħlux għall-festa tat-tieġ. Infittxu mela li ma nitnikkru qatt, imma nishru u nitolbu tul ħajjitna kollha, infittxu li nkunu dejjem paċi ma' Alla, u ma' ħutna l-bnedmin l-oħra, ma nieqfu qatt nagħmlu l-ġid lil għajrna, inħobbu 'l kulħadd, naħfru dejjem, biex meta l-Mulej jiġi jsejħilna, isibna lesti biex nidħlu miegħu fis-saltna ta' dejjem.

## TALBA TAL-FIDILI

Alla tagħna dejjem waqaf magħna wkoll meta aħna warrabnieh u nsejnieh. Ejjew, għalhekk nitolbuh b'fidi kbira u b'tama li hu ser jagħtina dak kollu li għandna bżonn.

Nitolbuk, Mulej, għall-Knisja tiegħek sabiex tagħraf sewwa dak li trid minna fid-dinja ta' llum.

Nitolbuk, Mulej, għall-mexxejja ta' pajjiżna sabiex timliehom bil-għerf ħalli jaħdmu għall-ġustizzja u għall-paċi fis-soċjetà tagħna.

Nitolbuk, Mulej, għal dawk il-familji fil-parroċċa tagħna li bħalissa għaddejjin minn baħar ta' niket u nkwiet sabiex tgħinnhom isibu mill-ġdid lilek u jduqu l-imħabba tiegħek.

Nitolbuk, Mulej, għalina lkoll sabiex dejjem inkunu mħejjija bl-imsiebaħ tagħna mixgħula ħalli meta tiġi ssibna nishru u nitolbu.

Nitolbuk, Mulej (għall-qaddej tiegħek N. u) għal ħutna li straħu bis-sinjal tal-fidi sabiex tagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.

Mulej, Missier qaddis, fik aħna nsibu l-veru mistrieħ ta' qlubna. Agħmel li din iċ-ċelebrazzjoni ta' l-ewkaristija ġġedded dejjem lil ħajjitna. Bi Kristu Sidna.

## IT-33 ĦADD TAS-SENA

## FIDILI GĦAS-SEJĦA TAGĦNA BĦALA NSARA

### Ngħixu bil-qies

Illum ukoll il-Knisja trid tfakkarna li ma għandniex għamara għal dejjem f'din id-dinja, iżda ma nafux la l-ħin u lanqas is-siegħa, meta jkollna nħallu din id-dinja biex nidħlu fis-sema pajjiżna, fejn xejn minn dak li hu mniġġes jew ħażin ma jista' jidħol. Għalhekk jekk meta jasal għalina l-waqt li niġu msejħa biex nidħlu fis-sema pajjiżna, biex dan iseħħ għalina, irridu f'din id-dinja ngħixu bħala wlied id-dawl billi nishru u ngħixu bil-qies. Dan x'jiġifieri?

Nshru u ngħixu bil-qies jekk it-talenti li Alla tana nużawhom kif irid hu. Lil kulħadd Alla jagħti dawk it-talenti li jkun jeħtieġ biex jaqdi l-missjoni li għaliha Alla jsejjaħlu, biex jagħmel dak li Alla jrid minnu tul ħajtu fid-dinja.

Jekk Alla tana ħafna ġid tad-dinja, tahulna mhux biex intajruh fixxalar u l-kapriċċi, jew biex inħażżnuh u nużawh għalina biss, imma tahulna biex bih ngħinu lill-bnedmin ħutna, noħolqu x-xogħol, u ngħinu dawk l-istituzzjonijiet li jieħdu ħsieb 'l min hu mwarrab, inkapaċitat, waħdu, ibati l-ġuħ.

Jekk il-Mulej tana l-għerf u d-dehen tahulna mhux għall-gost tagħna biss, imma biex ngħallmu lil min ma jafx, biex nagħtu pariri tajba lil min jeħtieġhom, biex inġibu 'l quddiem il-qagħda tal-bniedem fid-dinja.

Jekk Alla tana qawwa u saħħa, jekk tana karattru dħuli u ferrieħi, jekk tana sabar u mogħdrija għal min hu batut u marid, jekk tana li nkunu nafu mmorru man-nies jew li niġbdu qlub it-tfal u ż-żgħażagħ, dawn it-talenti tahomlna biex nagħmlu l-ġid kollu li nistgħu. Jekk tani dawn ittalenti u flok nużahom, niskarta biex ma jkollix sikkatura, biex ma jkollix taħbit u nkwiet, jien ma nkunx qiegħed inħaddem it-talenti tiegħi, u meta jasal il-waqt, il-Mulej jitlobni l-kont u jistaqsini x'għamilt bit-talenti li fdali, u sehmi jkun bħal dak tal-qaddej ħażin u għażżien tal-parabbola tal-Evanġelju. Alla ma jitlobx minna ħwejjeġ kbar, jitlob biss li nagħmlu dak li jrid minna, u jekk inkunu fidili fil-ftit jagħtina l-aqwa ġid li jista' jkollna, il-ħajja ta' dejjem.

### L-eżempju tal-mara tad-dar

Fl-ewwel qari ta' llum, il-Knisja, biex turina kif għandna nħaddmu t-talenti li jagħtina l-Mulej, issemielna t-tifħir li naqraw fil-Ktieb tal-Proverbi dwar il-mara tad-dar li bil-għaqal kollu taqdi dmirijetha u tieħu ħsieb ta' kollox, biex żewġha u wliedha qatt ma jonqoshom xejn.

Mill-mara tad-dar tal-Ktieb tal-Proverbi nitgħallmu kif darna għandha tkun tixbah id-dar ta' Nazaret fejn kien hemm rabta sħiħa ta' mħabba

bejn il-membri kollha u fejn kulħadd kien jaqsam flimkien il-ferħ u n-niket tal-ħajja ta' kuljum. Mill-mara tad-dar tal-Ktieb tal-Proverbi nitgħallmu li ma għandniex nitnikkru fuq ix-xogħol imma nagħtu sehemna kif jixraq bi spirtu ta' aħwa, bla ma nippikaw ma' xulxin u nagħmlu ħsara lil xulxin: niftakru li bħala nsara aħna membri ta' komunità ta' mħabba, u aħna fid-dmir li nsaħħu din l-imħabba billi noffru s-servizz tagħna ħa ngħinu l-morda u l-imġarrbin tal-komunità parrokkjali tagħna, l-aktar f'Jum il-Mulej. Mill-mara tad-dar tal-Ktieb tal-Proverbi nitgħallmu wkoll kif inxerrdu madwarna spirtu ta' ferħ u hena fil-Mulej u nuru ma' kulħadd ħniena u mogħdrija u nevitaw kull x orta ta' nkwiet, anzi nfittxu li nġibu l-paċi fejn hemm il-ġlied u l-għaqda fejn hemm il-firda.

Jekk dan kollu nagħmluh inkunu qegħdin ngħixu bħala wlied id-dawl, ulied il-jum għaliex bl-egħmil tagħna nkunu dawl għad-dinja, egħmil li minnu nnifsu jkun jiddi quddiem id-dinja, egħmil li bih niksbu l-hena ta' dejjem.

## TALBA TAL-FIDILI

Missier qaddis, kull ma hu tajjeb ġej kollu minnek. Isma' t-talb li bl-umiltà kollha ser inressqu quddiemek biex dak kollu li tagħtina fl-imħabba tiegħek nużawh għall-glorja tiegħek u għall-ġid tagħna.

Ieqaf mal-Knisja tiegħek sabiex tagħraf dejjem iddawwal lil kull bniedem bil-kelma tiegħek ħalli jiskopri d-dinjità tiegħu u jagħraf is-sejħa li għaliha qiegħed issejjaħlu. Nitolbu.

Għin lill-mexxejja tal-ġnus sabiex jagħmlu użu tajjeb mill-ġid tan-nazzjonijiet tagħhom ħalli kull bniedem jgħix ħajja diċenti u jiżviluppa t-talenti tiegħu. Nitolbu.

Għinna nagħrfu d-doni li int tajtna fl-imħabba tiegħek u agħmel li nużawhom tajjeb għall-ġid tal-komunità kollha. Nitolbu.

Agħtina li nużaw tajjeb iż-żmien li tislifna ħalli tiġi fi x'ħin tiġi ssibna mħejjija biex nidħlu miegħek għall-hena ta' dejjem.

Agħti l-mistrieħ ta' dejjem lill-erwieħ ta' qrabatna, ħutna u benefatturi tagħna li għixu ħajjithom fl-istennija tal-miġja tiegħek fil-glorja. Nitolbu.

O Alla, inti taf kemm nixtiequ nħobbuk; la tħarisx lejn in-nuqqasijiet tagħna imma ħares lejn ir-rieda sinċiera tagħna li nogħġbu lilek f'kollox. Bi Kristu Sidna.

## L-34 HADD TAS-SENA

## KRISTU SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU U MĦALLEF TAD-DINJA

**Ir-ragħaj tan-ngħaġ**

Illum ukoll il-Knisja tkellimna dwar in-Novissimi, dwar it-tmiem ta' kollox, hija u tippreżentalna lil Ġesù bħala ragħaj li jifred minn xulxin in-ngħaġ mill-gidien. Ġesù hu r-ragħaj it-tajjeb li jieħu ħsieb il-merħla tiegħu u jaħseb fin-ngħaġ kollha tiegħu u jmur ifittixhom meta jixterrdu 'l bogħod mill-merħla fi żmien is-sħab u s-swied ta' l-ajru: ifittex il-mitlufni, ireġġa' lura l-imxerrdin, jinfaxxa l-ġrieħi tal-midrubin, idewwi l-morda u jirgħahom kollha bil-ġustizzja, fis-sliem.

Taħt dawn ix-xbihat naraw kif is-saltna ta' Alla tikber u tinxtered mad-dinja kollha tul iż-żminijiet, fost ħafna taqlib u taħbit. Kristu stess jieħu ħsieb dan għaliex hu r-Ras tal-Knisja, is-Sultan tal-ħolqien kollu.

Id-dnub kien biegħed il-bniedem minn Alla; il-bniedem sar għadu ta' Alla u fittex il-hena tiegħu fil-ġid li jgħaddi u jintemm: kien verament żmien ta' sħab u ta' swied ta' l-ajru. Iżda Alla ried jerġa' jiġbed il-bniedem lejh, jerġa' jħabbu miegħu, u għalhekk bagħat lil Ibnu fid-dinja biex jiġbor lill-bnedmin — ulied Alla — li kienu mxerrdin. Waqqaf il-Knisja biex bla heda ssejjaħ lill-bnedmin kollha ħalli Kristu jfejjaqhom mill-ġrieħi tad-dnub, iqawwi d-dgħajfa, u jwettaq fil-ġustizzja u s-sliem lil dawk li jwieġbu għas-sejħa tiegħu. Isejjaħ ukoll dawk li huma 'l bogħod, għax irid li l-bnedmin kollha jkunu miġbura fil-merħla waħda tiegħu. Permezz tal-Knisja, Kristu jkompli jxerred ma' l-art kollha s-saltna tiegħu, sa ma jeqred kull setgħa u kull ħakma u kull qawwa tal-prinċep ta' din id-dinja, ħalli mbagħad, fl-aħħar tad-dinja, jinqered l-aħħar għadu l-mewt, u s-saltna li li jkun kiseb, Kristu joffriha lill-Missier, u Alla jkun għalina lkoll kollox f'kollox.

**Il-ġudizzju universali**

Iżda fl-aħħar tad-dinja, mhux kulħadd ikun fis-saltna ta' Alla; xi wħud se jsibu ruħhom barra minnha fin-nar ta' dejjem. Dan igħidulna l-Evanġelju ta' llum, bit-tixbiha tar-ragħaj li jifred in-ngħaġ mill-gidien. Min huma n-ngħaġ? Min huma l-gidien? Inkunu man-ngħaġ meta Ġesù jiġi biex jagħmel ħaqq mid-dinja u niksbu l-ħajja ta' dejjem, jekk tul ħajjitna għamilna egħmil ta' ħniena ma' ħutna fil-bżonn, għaliex kull ma nagħmlu ta' ġid għal ħutna, Kristu jqisu magħmul lilu stess: tul is-sena kollha l-Knisja wrietna x'għandna nagħmlu — jalla tajna dejjem widen għat-tagħlim u t-twissijiet tagħha! Inkunu mal-gidien u mmorru fin-nar ta' dejjem, maħluq għax-xitan u l-anġli tiegħu, jekk nagħalqu għajnejna għall-ħtiġijiet ta' ħutna fil-bżonn u nkunu biss ħsiebna fl-interessi tagħna; jekk inkunu nies li tlifna kull sens tal-ħajja u għalhekk ma naraw ebda skop fl-istess ħajja tagħna; jekk tlifna l-fidi f'Alla u għalhekk tlifna wkoll kull fiduċja fil-bniedem.

Ġesù kieku jrid li dawk li qegħdin igħixu 'l bogħod minnu u mexjin fit-triq tat-telfien, isalvaw: jiġri warajhom, għalkemm ikunu jaħarbu 'l bogħod minnu, jistabar bihom għalkemm iwebbsu qalbhom miegħu, u jsejjaħ lilna biex inkunu strument f'idejh ħa nsejħu lil dawn ħutna għat-triq it-tajba: fihom aħna għandna naraw i-xxbieha ta' Kristu, għalkemm xbieha mdallma bid-dnub: għalihom ukoll miet Kristu u meta lil dawn ħutna ngħinuhom biex jerġgħu lura għand il-Mulej, inkunu qed nagħtu sehemna għall-bini tas-saltna ta' Alla u nkunu qed naħdmu s-salvazzjoni tagħna.

## TALBA TAL-FIDILI

Missier qaddis, bl-umiltà kollha nistqarru li aħna ma nafux kif jew x'għandna nitolbu. Ibgħat, għalhekk, l-Ispirtu Qaddis tiegħek biex inebbaħna x'għandna nitolbu ħalli f'kollox infittxu li tkun magħmula r-rieda tiegħek.

Agħmel, Mulej li l-Knisja tiegħek tinfirex fuq wiċċ l-art kollha ħalli minn tlugħ ix-xemx sa nżulha minn kullimkien jitla' innu ta' tifħir u glorja lill-isem qaddis tiegħek. Nitolbu.

Ieqaf ma' dawk il-mexxejja li għadhom ma jridux jagħrfuk bħala s-sultan tal-ħolqien kollu sabiex ibiddlu l-fehma tagħhom u jiftħu x-xtut ta' pajjiżhom għall-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni tiegħek. Nitolbu.

Eħles minn kull tiġrib lil dawk ħutna li qegħdin ibatu minħabba twemminhom, kulur jew razza u agħmel li d-dinjità ta' kull persuna tkun imħarsa. Nitolbu.

Għin lilna lkoll li nġbarna biex nagħtuk qima sabiex ngħinu u nħobbu lil xulxin ħalli meta tiġi fil-glorja tqegħdna fost il-magħżulin tiegħek. Nitolbu.

Ilqa' t-talb għal Malta tagħna sabiex ma tiċħad qatt is-sejħa ta' pajjiż nisrani imma tibqa' fidila fl-imħabba lejn Kristu Sultan. Nitolbu.

O Alla, l-Iben il-waħdieni tiegħek sar sultan tal-ħolqien kollu minn fuq il-għuda tas-salib, agħmel li nibqgħu nistqarru lil Ġesù bħala s-sultan waħdieni tagħna f'kull waqt ta' ħajjitna. Bi Kristu Sidna.

## WERREJ


| | | pag. |
|---|---|---|
| **Enċiklika** | "Redemptoris Mater" | 391 |
| **Ittra Appostolika** | "Augustinum Hipponensem" | 3 |
| | lis-saċerdoti għall-Hamis ix-Xirka | 468 |
| | għaċ-ċentinarju ta' San Alfons M. de' Liguori | 593 |
| **Appelli Messaġġi tal-Papa** | għall-Ġurnata Missjunarja | 583 |
| | għall-Jum l-Emigrant 1986 | 58 |
| | 1987 | 587 |
| | għall-Jum il-Komunikazzjoni Soċjali | 282 |
| | għall-Jum il-Paċi 1987 | 199 |
| | għall-Jum il-Vokazzjonijiet | 477 |
| | liż-żgħażagħ tad-dinja | 279 |
| **Diskors tal-Papa** | lill-isqfijiet Maltin fiż-żjara "ad limina" | 579 |
| **Il-Papa fl-Awstralja** | | |
| diskorsi: | to priests and seminarians | 210,254 |
| | to youth | 211,235 |
| | to the sick and elderly | 219,203 |
| | to the bishops | 222 |
| | to the diplomatic corps | 230 |
| | to workers | 239 |
| | to unemployed youth | 244 |
| | to educators | 247,268 |
| omeliji: | In Christ the fullness of history | 215 |
| | Christ, the Way, the Truth, the Life | 227 |
| | The Church, sign of unity | 231 |
| | The special role of Christians | 250 |
| | Love of family | 259 |
| **Dokumenti tas-Santa Sede:** | To be together to pray (Assisi meeting) | 56 |
| | Pastoral care of homosexuals | 269 |
| | Ittra tal-Kard. Pironio għall-Kungress tal-lajċi | 290 |
| | On the respect for human life | 438 |
| | International approach to debt question | 479 |
| | Vocation and Mission of the Laity | 601 |
| | Jum it-Turiżmu | 647 |
| **Konferenzi Episkopali ta' l-Ewropa:** | Messaġġ lill-insara | 499 |
| **Stqarrijiet tal-isqfiijet** | dwar il-vjolenza ... | 324,507,512,513 |
| | dwar l-Aids | 656 |
| **Pastoralijiet tal-isqfijiet:** | it-tqarbin fl-idejn | 287 |
| | Ir-Randan | 507 |
| | l-elezzjonijiet | 511 |
| | Il-festa ta' Santa Marija | 652 |
| **Diskorsi tal-Arċisqof** | fil-festa tal-Gandlora | 212 |
| | ta' San Ġużepp Haddiem | 316 |
| | ta' Kristu Re | 295 |
| | f'Jum il-Paċi | 297 |
| | fil-Kungress tal-lajċi | 291 |
| | fil-Milied | 297 |
| | lill-għalliema | 135,290 |
| | lill-ġurnalisti | 299 |

**Messaġġi ta' l-Arċisqof** f'Jum il-Paċi 139
għax-xahar ta' Ottubru 655
lis-Seminar for Volunteers in social service 134

**Omeliji tal-Arċisqof** fil-festa tal-Papa 136
fil-festa ta' San Luqa 138
fil-funeral ta' Mons. M. Azzopardi 578

**Il-vjaġġ ta' l-Arċisqof fl-Awstralja** 74

**Dokumenti tal-Kurja: n.** 167 Il-festa ta' l-Arċisqof 141
168 Il-Ġurnata Missjunarja 142
169 Il-festa tal-Papa 143
170 Ġabra għall-iskejjel 319
171 Il-festa tal-Gandlora 314
172 Ir-Randan 517
173 Il-Jum Nazzjonali 518
174 Il-Ġimgħa tas-sagrifiċċju 519
175 Il-festa tad-Duluri 519
176 Il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem 520
177 Ġbir fil-knejjes 520
178 Iż-żjara "ad limina" 521
179 Il-ftuħ tas-sena Marjana 522
180 Kunċerti fil-knejjes 658
181 Il-festa ta' l-Arċisqof 659
183 Investituri 660

**Digriet tal-Kurja** — Is-Segretarjati 657

**Is-Sena Marjana** — Indulġenzi 522
Proposti għaċ-ċelebrazzjoni mill-Kongregazzjoni tal-Kult 523

**Aġġornament tal-Kleru 1985:** Il-verità ta' l-Iskrittura 96
Il-verità ta' l-Iskrittura u l-forom letterarji 100
Kif taqra bis-sens Ġen. I-XI 103
Ir-rakkonti tal-infanzja ta' Ġesù 119
Il-Bibbja fil-predikazzjoni 129

**Nomini mill-Kurja** 144,323,660

**Telegrammi:** lill-Knisja fin-Nikaragwa 145
fil-festa tal-Papa 145

**Ottavarju** għall-Għaqda tal-Knejjes 30

**Talb għall-Paċi mal-Papa** 62

**Ħutna fis-saċerdozju li mietu fl-1986** 325

**Djar tat-Tfal:** Gandlora 1987 314,533
Rapport għas-sena 1986 529

**Fakoltà tat-Teoloġija** — Gradwazzjoni: Natural Environment (diskors) 301

**Rendikont finanzjarju** tal-Arċidjoċesi 320
tal-iskejjel 533

**Fond Mons. Azzopardi** 516

**Funerali** fil-Ħdud tal-Avvent, Randan u Għid 493

**Eżempji ta' omeliji u talbiet tal-fidili** 146,338,579,661

KNISJA KATIDRALI ★ GHAWDEX ★

Stamperija "IL-ĦAJJA"